ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea L 132

Edizzjoni bil-Malti — Leġiżlazzjoni

Volum 50
24 ta' Mejju 2007

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 555/2007 tat-23 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ...................... 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 556/2007 tat-23 ta' Mejju 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1622/2000 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid, u li jistabbilixxi kodiċi tal-Komunità ta' prattiċi u proċessi oenoloġiċi** ..................................... 3

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 557/2007 tat-23 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1028/2006 dwar standards għall-kummerċjalizzazzjoni tal-bajd** ............................................................ 5

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 558/2007 tat-23 ta' Mejju 2007 li jiftaħ u jipprevedi l-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja għall-importazzjoni ta' l-annimali bovini maskili ta' età żgħira għat-tismin** ............................................................ 21

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 559/2007 tat-23 ta' Mejju 2007 li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji li l-applikazzjoni tagħhom tressqet bejn l-14 u t-18 ta' Mejju 2007 sabiex jiġu impurtati prodotti taz-zokkor skond il-kwoti tat-tariffi u ftehimiet preferenzjali .... 27

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 560/2007 tat-23 ta' Mejju 2007 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 883/2001 li jippreskrivi regoli dettaljati biex ikun implimentat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 dwar il-kummerċ ma' terzi pajjiżi ta' prodotti fis-settur ta' l-inbid** ............................................................ 31

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Kunsill**

2007/350/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2007 li taħtar membru Latvjan u żewġ membri supplenti Latvjani fil-Kumitat tar-Reġjuni** ............................................................ 33

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

2

**MT**

Atti b'titoli b'tipa ċara huma dawk relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' l-affarijiet agrikulturali u huma ġeneralment validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma b'tipa skura u preċeduti minn asterisk.

2007/351/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2007 li taħtar membru supplenti Awstrijaku fil-Kumitat tar-Reġjuni** ..... 34

2007/352/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Mejju 2007 li taħtar Deputat Direttur ta' l-Europol** ..... 35

---

IV *Atti oħrajn*

SPAZJU EKONOMIKU EWROPEW

★ **Deċiżjoni ta' l-Awtorità ta' Sorveljanza EFTA Nru 394/06/COL tat-13 ta' Diċembru 2006 li tapprova l-iskema aġġornata ppreżentata min-Norveġja għall-irtirar tal-ħut kollu fil-postijiet tat-tkabbir tal-ħut Norveġiżi infettati bl-anemija infettiva tas-salamun (ISA)** ..... 36

★ **Deċiżjoni ta' l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA Nru 28/07/COL tad-19 ta' Frar 2007 li tikkonċerna li n-Norveġja hi uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi bruċellożi u lewkożi bovina enżootika fir-rigward tal-merħliet bovini** ..... 38

★ **Deċiżjoni ta' l-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA Nru 29/07/COL tad-19 ta' Frar 2007 li tapprova l-pjan imressaq min-Norveġja għat-tilqim preventiv ta' għasafar li jinżammu fiż-*zoos* kontra l-influenza tat-tjur b'patoġenija qawwija** ..... 40

★ **Deċiżjoni ta' l-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA Nru 30/07/COL tad-19 ta' Frar 2007 dwar il-programm nazzjonali Norveġiż għall-kontroll ta' l-iscrapie u l-garanziji addizzjonali rigward il-kummerċ u l-importazzjoni intra Komunitarji u l-importazzjoni għan-Norveġja** ..... 42

MT

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 555/2007

**tat-23 ta' Mejju 2007**

**li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3223/94 ta' l-21 ta' Diċembru 1994 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti dwar l-importazzjoni tal-frott u l-ħxejjex ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 3223/94 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

(2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 3223/94 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-24 ta' Mejju 2007.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 337, 24.12.1994, p. 66. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 386/2005 (ĠU L 62, 9.3.2005, p. 3).

*ANNESS*

**tar-Regolament tal-Kummissjoni tat-23 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 39,1 |
| | TR | 112,4 |
| | ZZ | 75,8 |
| 0707 00 05 | JO | 151,2 |
| | TR | 118,7 |
| | ZZ | 135,0 |
| 0709 90 70 | TR | 106,6 |
| | ZZ | 106,6 |
| 0805 10 20 | EG | 35,5 |
| | IL | 56,8 |
| | MA | 45,4 |
| | ZZ | 45,9 |
| 0805 50 10 | AR | 59,5 |
| | ZA | 67,6 |
| | ZZ | 63,6 |
| 0808 10 80 | AR | 86,4 |
| | BR | 78,8 |
| | CL | 84,1 |
| | CN | 92,5 |
| | NZ | 114,5 |
| | US | 120,8 |
| | UY | 72,0 |
| | ZA | 88,8 |
| | ZZ | 92,2 |
| 0809 20 95 | TR | 658,4 |
| | ZZ | 658,4 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 556/2007**

**tat-23 ta' Mejju 2007**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1622/2000 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid, u li jistabbilixxi kodiċi tal-Komunità ta' prattiċi u proċessi oenoloġiċi**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 46(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness V, paragrafu A, tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 fil-punt 3 tiegħu jipprovdi l-possibbiltà li jkun hemm deroga mill-kontenut massimu totali tad-dijossidu tal-kubrit meta l-kundizzjonijiet tal-klima jkunu għamluha meħtieġa.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1622/2000 ([2]) jiddefinixxi ċerti regoli dettaljati ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 li jirrigwardaw b'mod partikolari l-kontenuti massimi tad-dijossidu tal-kubrit fl-inbejjed. B'mod partikolari, l-Artikolu 19(4) jipprovdi dwar id-definizzjoni fl-Anness XIIa tar-Regolament imsemmi ta' l-elenku tal-każijiet meta l-Istati Membri jistgħu, għal raġunijiet klimatiċi, jawtorizzaw li l-kontenut massimu ta' dijossidu tal-kubrit ta' anqas minn 300 milligramma l-litru jiżdied b'mhux aktar minn 40 milligramma l-litru.

(3) Permezz ta' nota ta' l-1 ta' Marzu 2007, il-gvern Franċiż talab li, għall-inbejjed tal-vendemmja ta' l-2006 prodotti fit-territorju tad-dipartimenti Bas-Rhin u Haut-Rhin, jitħalla jawtorizza żieda tal-kontenut massimu ta' dijossidu tal-kubrit ta' anqas minn 300 milligramma l-litru b'mhux aktar minn 40 milligramma l-litru, bħala riżultat ta' kundizzjonijiet klimatiċi partikolarment diffiċli. Dik it-talba għandha tintlaqa'.

(4) In-nota teknika maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti Franċiżi turi li l-kwantitajiet ta' dijossidu tal-kubrit meħtieġa biex jiżguraw sew il-vinifikazzjoni u l-konservazzjoni tajba ta' l-inbejjed milquta minn dawn il-kundizzjonijiet mhux favorevoli, kif ukoll l-adegwatezza tagħhom għat-tqegħid fis-suq, jeħtiġilhom jiżdiedu mill-kontenut normalment permess. Din il-miżura temporanja hija l-unika għażla disponibbli biex l-għeneb milqut minn dawn il-kundizzjonijiet klimatiċi mhux favorevoli jkun jista' jintuża għall-produzzjoni ta' nbejjed li jistgħu jitqiegħdu fis-suq. Skond il-kalkoli ta' l-*Institut Technique du Vin*, huwa stmat li l-inbejjed li tista' tirrigwardahom din id-deroga huma madwar 25 % tal-kwantità totali prodotta f'din iż-żona.

(5) Ir-Reġolament (KE) Nru 1622/2000 għandu jkun emendat skond dan.

(6) Il-miżuri li jipprovdi dwarhom dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Inbejjed,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness XIIa tar-Regolament (KE) Nru 1622/2000 għandu jinbidel bit-test fl-Anness tar-Regolament preżenti.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

([2]) ĠU L 194, 31.7.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 389/2007 (ĠU L 97, 12.4.2007, p. 5).

*ANNESS*

*"ANNESS XIIa*

**Żieda tal-kontenut totali massimu tad-dijossidu tal-kubrit meta l-kundizzjonijiet klimatiċi jkunu għamluha meħtieġa**

*(Artikolu 19)*

| | Is-sena | L-Istat Membru | Iż-żona/i tad-dwieli ta' l-inbid | L-inbejjed milquta |
|---|---|---|---|---|
| 1. | 2000 | Il-Ġermanja | Iż-żoni kollha tad-dwieli ta' l-inbid tat-territorju Ġermaniż | L-inbejjed kollha mill-għeneb maħsud matul is-sena 2000 |
| 2. | 2006 | Il-Ġermanja | Iż-żoni tad-dwieli ta' l-inbid ta' Baden Württemberg, Bayern, Hessen u Rheinland-Pfalz | L-inbejjed kollha mill-għeneb maħsud matul is-sena 2006 |
| 3. | 2006 | Franza | Iż-żoni tad-dwieli ta' l-inbid tad-dipartimenti Bas-Rhin u Haut-Rhin | L-inbejjed kollha mill-għeneb maħsud matul is-sena 2006" |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 557/2007

## tat-23 ta' Mejju 2007

## li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1028/2006 dwar standards għall-kummerċjalizzazzjoni tal-bajd

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1028/2006 tad-19 ta' Ġunju 2006 dwar standards għall-kummerċjalizzazzjoni tal-bajd u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu ([1]),

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1028/2006 jistabbilixxi l-ħtiġijiet bażiċi li l-bajd irid jissodisfa qabel ma jitqiegħed fis-suq Komunitarju. Għar-raġunijiet ta' ċarezza, għandhom jiġu stipulati regoli ġodda dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2295/2003 tat-23 ta' Diċembru 2003 li jdaħħal regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1907/90 dwar ċerti standards għall-kummerċjalizzazzjoni tal-bajd ([2]), għalhekk għandu jitħassar u jkun sostitwit minn Regolament ġdid.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel ([3]) u r-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ([4]), japplikaw għall-bajd. Għalhekk, għandha ssir referenza kemm jista' jkun għal dawn ir-Regolamenti orizzontali.

(3) Il-kwalità tal-karattersitiċi għall-bajd tal-Klassi A għandha tkun iffissata sabiex tiggarantixxi li l-kwalità għolja tal-bajd tasal direttament għand il-konsumatur finali u twaqqaf kriterji li jistgħu jkunu vverifikati mis-servizzi ta' l-ispezzjoni. Tali karatteristiċi tal-kwalità għandhom ikunu bbażati fuq l-Istandard Nru 42 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN/ECE) dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-bajd bil-qoxra fil-kummerċ internazzjonali bejn u lill-pajjiżi membri tal-UN/ECE.

(4) Bajd kiesaħ li imbagħad jitħalla f'temperatura ambjentali jista' jwassal għal kondensazzjoni, li tiffaċilita t-trobbija tal-batterji fuq il-qoxra u li probabbli jidħlu fil-bajda. Għalhekk, il-bajd għandu jkun maħżun u ttrasportat preferibbilment f'temperatura kostanti, u ġeneralment m'għandux jinżamm fil-kesħa qabel ma jinbiegħ lill-konsumatur finali.

(5) Ġeneralment, il-bajd m'għandux jinħasel jew jitnaddaf għax tali prattiċi jistgħu jkunu ta' ħsara għall-qoxra tal-bajd, li huwa ostaklu effettiv biex ma jidħlux batterji, b'xejra sħiħa ta' karatteristiċi antimikrobiċi għall-bajda. Madankollu, xi prattiċi, bħal per eżempju t-trattament tal-bajd bir-raġġi ultravjola, m'għandhomx ikunu interpretati li huma proċess ta' tindif. Barra dan, bajd tal-Klassi A m'għandux jinħasel minħabba l-ħsara potenzjali li tista' ssir lill-ostakli fiżiċi, bħall-epiderma, li tista' sseħħ waqt jew wara l-ħasil. Tali ħsara tista' tiffavorixxi kontaminazzjoni li tgħaddi mill-qoxra permezz tal-batterji u telf fl-umdità u b'hekk iżżid ir-riskji għall-konsumaturi, partikolarment jekk il-kundizzjonijiet tat-tnixxif u tal-ħżin ma jkunux ottimali.

(6) Madankollu, f'xi Stati Membri jintużaw xi sistemi li jintużaw għall-ħasil tal-bajd li huma soġġetti għall-awtorizzazzjoni u li joperaw taħt kundizzjonijiet li jkunu kontrollati bir-reqqa, għandhom riżultati tajbin. Skond l-opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar il-Perikli Bijoloġiċi ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Ikel dwar it-talba mill-Kummissjoni relatata mar-riskji Mikrobijoloġiċi tal-ħasil tal-Bajd għall-Ikel adottata fis-7 ta' Settembru 2005 ([5]), il-prassi tal-ħasil tal-bajd kif issir f'ċerti ċentri ta' l-ippakkjar mill-punt ta' l-iġjene tista' tkun sostnuta sakemm, fost oħrajn, ikun żviluppat kodiċi ta' prassi għas-sistemi għall-ħasil tal-bajd.

(7) Il-bajd tal-Klassi A għandu jkun ikklassifikat skond il-piż, u bħala rekwiżiti minimi tat-tikkettjar għandhom ikunu ffissati għadd limitat ta' klassifiċi tal-piż u ta' termini ċari li jikkorrispondu, mingħajr ma jipprojbixxu t-tikkettjar volontarju, u sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-tikkettjar, il-preżentazzjoni u r-reklamar ta' oġġetti ta' l-ikel ([6]).

(8) Huma biss l-impriżi li l-bini u t-tagħmir tekniku tagħhom ikunu adattati għall-iskala u t-tip ta' l-operazzjonijiet tagħhom, u li għalhekk jippermettu l-maniġġ adegwat tal-bajd li għandhom jiġu awtorizzati biex jagħżlu l-bajd skond il-kwalità u skond il-piż, bħala ċentri ta' l-ippakkjar.

([1]) ĠU L 186, 7.7.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 340, 24.12.2003, p. 16. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2001/2006 (ĠU L 379, 28.12.2006, p. 39).
([3]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1.
([4]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).
([5]) *The EFSA Journal* (2005) 269, 1-39.
([6]) ĠU L 109, 6.5.2000, p. 29. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/142/KE (ĠU L 368, 23.12.2006, p. 110).

(9) Għandu jkun iffissat żmien massimu stipulat għall-klassifikazzjoni, l-immarkar u l-ippakkjar tal-bajd u l-immarkar tal-pakketti sabiex jiffaċilita l-ispezzjonijiet kif previst fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1028/2006.

(10) Barra l-obbligu ġenerali biex tiġi stabbilita t-traċċabilità ta' l-ikel, l-għalf, l-annimali li jipproduċu l-ikel, u kwalunkwe sustanza oħra intenzjonata biex tkun, jew mistennija li tkun, inkorporata fl-ikel jew l-għalf fl-istadji kollha tal-produzzjoni, l-ipproċessar, u d-distribuzzjoni skond ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u r-rekwiżiti tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sikurezza ta' l-ikel ([1]), għandha tkun stabbilita ċertu informazzjoni dwar l-ippakkjar għat-trasport li jkun fihom il-bajd u d-dokumenti li jakkumpanjaw sabiex jitwettqu l-kontrolli.

(11) Sabiex jitwettqu l-kontrolli b'mod effettiv kif stipulat fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1028/2006, meta l-bajd jitqassam fi Stat Membru ieħor, huwa meħtieġ li fis-sit tal-produzzjoni, jsir l-immarkar tal-bajd bil-kodiċi tal-produttur. Skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1028/2006, il-bajd ta' Klassi B għandu jkun immarkat bil-kodiċi tal-produttur u/jew b'indikazzjoni oħra jekk jitqiegħed fis-suq ta' Stat Membru ieħor. Għandu jkun iċċarat li jekk il-kodiċi tal-produttur waħdu ma jippermettix li ssir distinzjoni ċara tal-klassifikazzjoni tal-kwalità, il-bajd tal-Klassi B għandu jkun immarkat b'indikazzjoni oħra.

(12) Il-kompożizzjoni tal-kodiċi tal-produttur għandha tiġi ffissata kif stipulat fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1028/2006. Barra dan, għandu jkun iċċarat li tista' ssir eċċezzjoni għar-rekwiżit ta' l-immarkar bil-kodiċi tal-produttur jekk it-tagħmir tekniku għall-immarkar tal-bajd ma jippermettix li jkun immarkat bajd maqsum jew maħmuġ.

(13) Għandhom jiġu definiti l-karatteristiċi ta' indikazzjonijiet oħra possibbli biex jiġi mmarkat il-bajd tal-Klassi B kif msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1028/2006.

(14) Skond l-Artikolu 2(2)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1907/90 tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar ċerti standards dwar it-tqegħid fis-suq tal-bajd ([2]), id-dispożizzjonijiet dwar l-immarkar ma applikawx għall-bajd li jasal direttament għand l-industrija ta' l-ikel għall-ipproċessar. Sabiex itejbu l-kontrolli f'tali konsenji, l-Istati Membri għandhom jagħtu eżenzjonijiet mir-rekwiżit ta' l-immarkar biss fuq it-talba ta' tali operaturi. Madankollu, għandu jkun stipulat perjodu raġjonevoli tranżizzjonali ta' sena sabiex jippermetti lill-Istati Membri li jagħtu tali eżenzjonijiet.

(15) Id-Direttiva 2000/13/KE tistabbilixxi regoli ġenerali li japplikaw fil-prodotti kollha ta' l-ikel li jitqiegħdu fis-suq. Madankollu, għandhom ikunu pprovduti rekwiżiti speċifiċi ta' mmarkar għall-pakketti.

(16) L-Artikolu 9 tad-Direttiva 2000/13/KE jiddefinixxi li data minima ta' kemm iservi l-prodott ta' l-ikel tkun id-data sakemm il-prodott ta' l-ikel iżomm il-kwalitajiet speċifiċi tiegħu meta jinħażen kif suppost. Għar-raġunijiet ta' ċarezza, din id-data għandha tkun iffissata sa mhux aktar minn 28 jum wara li jkun nbied.

(17) Il-bajd jista' jinbiegħ b'indikazzjoni li turi kemm tkun friska l-bajda. Għal dan l-għan, għandu jkun iffissat limitu ta' żmien massimu li jiċċara l-użu ta' tali indikazzjonijiet.

(18) Il-bajd jista' jinbiegħ b'indikazzjoni li tenfasizza l-formola ta' l-għalf li tkun ingħatat lit-tiġieġ tal-bajd. Huwa xieraq li jkunu ffissati rekwiżiti minimi għal tali indikazzjonijiet.

(19) Meta l-bajd jinbiegħ farrad, ċertu informazzjoni li normalment tkun fuq il-pakkett għandha tkun aċċessibbli lill-konsumatur.

(20) Minbarra r-rekwiżiti ta' l-iġjene ġenerali għat-tgeżwir u l-ippakkjar tal-prodotti ta' l-ikel, għandhom ikunu stipulati xi rekwiżiti oħra sabiex inaqqsu kemm jista' jkun ir-riskju ta' tħassir jew il-kontaminazzjoni tal-bajd matul il-ħżin u t-trasport. Tali livelli għandhom ikunu bbażati fuq l-Istandard tal-UN/ECE Nru 42.

(21) Il-bajd industrijali mhuwiex tajjeb għall-konsum uman. Għalhekk huwa xieraq li jkunu rikjesti xi strixxi jew tikketti speċjali biex ikun identifikat malajr l-ippakkjar li jkun fih tali bajd.

(22) Huma biss ċ-ċentri ta' l-ippakkjar li għandhom il-bini u t-tagħmir tekniku xieraq għall-ippakkjar mill-ġdid tal-bajd. Għalhekk huwa xieraq li kwalunkwe attivitajiet ta' l-ippakkjar mill-ġdid jiġu limitati għaċ-ċentri ta' l-ippakkjar.

(23) L-operaturi tan-negozju ta' l-ikel huma obbligati li jistabbilixxu t-traċċabilità skond ir-Regolament (KE) Nru 178/2002. Il-produtturi, il-kolletturi u ċ-ċentri ta' l-ippakkjar għandhom ikunu obbligati li jżommu rekords addizzjonali speċifiċi sabiex jippermettu li xi servizzi ta' spezzjoni jiċċekkjaw il-konformità ma' l-istandards għall-kummerċjalizzazzjoni.

(24) Għandhom ikunu stipulati l-metodi u l-kriterji biex jitwettqu l-kontrolli.

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 575/2006 (ĠU L 100, 8.4.2006, p. 3).

([2]) ĠU L 173, 6.7.1990, p. 5. Ir-Regolament irrevokat bir-Regolament (KE) Nru 1028/2006 b'effett mill-1 ta' Lulju 2007.

(25) Huwa xieraq li tiġi kkontrollata l-konformità ma' l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni ta' lott bħala ħaġa waħda, u l-kummerċjalizzazzjoni ta' lott li jinstab li ma jkunx konformi għandu jkun projbit sakemm ma jiġix ippruvat li jkun hemm konformità.

(26) Għandhom ikunu permessi ċerti tolleranzi meta l-konformità ma' l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni tiġi ċċekkjata. Tali tolleranzi għandhom ivarjaw skond ir-rekwiżiti u l-istadji differenti tal-kummerċjalizzazzjoni.

(27) Pajjiżi terzi jista' jkollhom rekwiżiti differenti minn dawk iffissati għall-Komunità għall-kummerċjalizzazzjoni tal-bajd. Sabiex ikunu ffaċilitati l-esportazzjonijiet, il-bajd ippakkjat u intenzjonat għall-esportazzjoni għandu jingħata permess li jkun konformi ma' tali rekwiżiti.

(28) Għandhom ikunu ffissati d-dettalji dwar il-valutazzjoni ta' l-ekwivalenza ta' l-istandards għall-kummerċjalizzazzjoni f'pajjiżi terzi mal-leġiżlazzjoni Komunitarja li għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni fuq talba ta' pajjiżi terzi. Għandhom ikunu stipulati ċerti rekwiżiti għall-immarkar u t-tikkettjar għall-bajd importat minn pajjiżi terzi.

(29) Għall-Kummissjoni huwa bżonnjuż li jkollha d-*data* disponibbli dwar l-għadd ta' postijiet li huma reġistrati li fihom it-tiġieġ tal-bajd.

(30) L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw ksur sinifikanti ta' l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni sabiex l-Istati Membri oħra li jistgħu jkunu effettwati jkunu jistgħu jingħataw twissija b'mod xieraq.

(31) Il-forniment tal-bajd għan-negozju bl-imnut fid-dipartimenti Franċiżi ta' barra min-naħa jiddependi fuq il-forniment ta' bajd mill-kontinent Ewropew. Fid-dawl tad-dewmien tat-trasport u tal-kundizzjonijiet tal-klima, il-preservazzjoni tal-bajd ittrasportat lejn id-dipartimenti Franċiżi ta' barra tinvolvi t-twettiq ta' arranġamenti speċifiċi għall-forniment, li jinkludu l-possibbiltà li l-bajd jintbagħat imkessaħ. Dawn l-arranġamenti speċjali jistgħu jkunu ġġustifikati min-nuqqas li hemm bħalissa ta' kapaċitajiet lokali għall-produzzjoni biżżejjed tal-bajd. Sakemm jinbnew biżżejjed kapaċitiajiet tal-produzzjoni lokali, dawn l-arranġamenti eċċezzjonali għandhom jiġu estiżi għal perjodu ta' żmien raġonevoli.

(32) L-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 1028/2006 jippermetti lil Stati Membri li jeżentaw mir-rekwiżiti ta' dak ir-Regolament, ċerti tipi ta' bejgħ dirett ta' bajd mingħand il-produtturi lill-konsumatur finali. Sabiex ikunu meqjusa l-kundizzjonijiet speċifiċi tal-kummerċjalizzazzjoni tal-bajd f'ċerti reġjuni fil-Finlandja, il-bejgħ mingħand il-produtturi lill-bejjiegħa bl-imnut f'dawk ir-reġjuni għandu jkun eżentat mir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1028/2006 u ta' dan ir-Regolament.

(33) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trobbija tat-tiġieġ tal-bajd f'sistemi ta' gaġeġ mhux modernizzati tkun projbita sa mill-1 ta' Jannar 2012 skond l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE [1]. Il-Kummissjoni għalhekk għandha tevalwa l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-tikkettjar volontarju previsti fir-rigward tal-gaġeġ mhux modernizzati qabel dik id-data sabiex teżamina l-bżonn jekk dan it-tikkettjar isirx obbligatorju.

(34) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni għal-Laħam tat-Tjur u għall-Bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Id-definizzjonijiet**

Id-definizzjonijiet fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1028/2006, l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u l-punti 5 u 7.3 ta' l-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 853/2004 għandhom japplikaw kif jixraq.

Barra dan, id-definizzjonijiet ta' l-espressjonijiet li ġejjin għandhom ikunu applikabbli għall-għan ta' dan ir-Regolament:

(a) "pakkett" tfisser tgeżwir li jkun fih bajd tal-Klassi A jew B, li jeskludi l-ippakkjar għat-trasport u l-kontenituri tal-bajd industrijali;

(b) "bejgħ farrad" tfisser l-offerta għall-bejgħ bl-imnut ta' bajd lill-konsumatur finali, mhux fil-pakketti;

(c) "kollettur" tfisser kwalunkwe stabbiliment reġistrat skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 biex jiġbor il-bajd mingħand il-produtturi biex jieħdu f'ċentru ta' l-ippakkjar, għal suq li jbiegħ esklussivament lill-bejjiegħa bl-ingrossa li l-impriżi tagħhom huma approvati bħala ċentri ta' l-ippakkjar, jew għal industrija ta' l-ikel u dik li mhijiex ta' l-ikel;

(d) "data sa meta għandu jinbiegħ" tfisser il-limitu massimu ta' żmien li fih il-bajda għandha tasal għand il-konsumatur finali skond il-punt 3 tal-Kapitolu I tas-Sezzjoni X ta' l-Anness III mar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(e) "industrija ta' l-ikel" tfisser kwaunkwe stabbiliment li jipproduċi l-prodotti tal-bajd intenzjonat għal-konsum uman, li jeskludi l-kejterers bil-massa;

(f) "industrija mhux ta' l-ikel" tfisser kwalunkwe negozju li jipproduċi l-prodotti ta' l-ikel li jkun fihom il-bajd li mhumiex intenzjonati għal konsum uman;

[1] ĠU L 203, 3.8.1999, p. 53. Id-Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

(g) "kejterers" tfisser l-entitajiet kif imsemmija fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2000/13/KE;

(h) "bajd industrijali" tfisser bajd mhux intenzjonat għall-konsum uman;

(i) "lott" tfisser il-bajd f'pakketti jew farrad u mill-istess sit ta' produzzjoni jew ċentru ta' l-ippakkjar, li jinsab f'post wieħed, fl-istess pakketti jew farrada, bl-istess data ta' meta jkun nbied il-bajd jew id-data minima ta' kemm iservi prodott ta' l-ikel jew id-data ta' l-ippakkjar, l-istess metodu ta' trobbija, u fil-każ tal-bajd ikklassifikat, l-istess klassifika tal-kwalità u tal-piż;

(j) "ippakkjar mill-ġdid" tfisser it-trasferiment fiżiku tal-bajd lejn pakkett ieħor jew l-immarkar mill-ġdid ta' pakkett li jkun fih il-bajd.

*Artikolu 2*

**Il-karatteristiċi tal-kwalità tal-bajd**

1. Il-bajd tal-Klassi A għandu jkollu dawn il-karattersitiċi minimi li ġejjin:

(a) il-qoxra u l-epiderma: forma normali, nodfa u mingħajr ħsara;

(b) il-kobor ta' l-arja: l-għoli ta' mhux iżjed minn 6 mm, stazzjonarju; madankollu, għall-bajd li jrid jitqiegħed fis-suq bħala "*extra*", ma għandux jaqbeż il-4 mm;

(c) l-isfar tal-bajd: jidher bħala dell biss meta jsirlu l-eżami fid-dawl tax-xemgħa, mingħajr kontorn li jidher b'mod ċar, jiċċaqlaq kemm kemm meta tiġi mdawra l-bajda, u jirritorna għall-pożizzjoni ċentrali;

(d) l-abjad: trasparenza ċara;

(e) mikrobu: żvilupp imperċepibbli;

(f) materja estranja: mhux permissibbli;

(g) riħa estranja: mhux permissibbli.

2. Il-bajd tal-Klassi A m'għandux jinħasel jew jitnaddaf, qabel jew wara l-klassifikazzjoni, ħlief kif previst fl-Artikolu 3.

3. Il-bajd tal-Klassi A m'għandux ikun trattat għal preservazzjoni jew imkessaħ f'bini jew impjanti fejn it-temperatura tinżamm artifiċjalment ta' l-anqas 5 °C. Madankollu, bajd li jkun inżamm f'temperatura taħt il-5 °C matul it-trasport għal mhux aktar minn 24 siegħa jew f'bini tal-bejgħ jew f'bini anċillari tagħhom għal mhux aktar minn 72 siegħa m'għandux jitqies bħala mkessaħ.

4. Il-bajd tal-Klassi B għandu jkun dak il-bajd li ma jilħaqx il-karatteristiċi ta' kwalità stipulati fil-paragrafu 1. Il-bajd tal-Klassi A li m'għadx għandu dawk il-karatteristiċi jista' jitwaqqa' għall-Klassi B.

*Artikolu 3*

**Bajd maħsul**

1. L-Istati Membri li, fl-1 ta' Ġunju 2003, awtorizzaw iċ-ċentri ta' l-ippakkjar biex jaħslu l-bajd jistgħu jkomplu jawtorizzaw liċ-ċentri ta' l-ippakkjar biex jaħslu l-bajd, sakemm dawk iċ-ċentri joperaw skond il-gwidi nazzjonali għas-sistemi tal-ħasil tal-bajd. Il-bajd maħsul jista' jitqiegħed fis-suq f'dawk l-Istati Membri li fihom inħarġu tali awtorizzazzjonijiet.

2. L-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' gwidi nazzjonali għal prassi tajba għas-sistemi tal-ħasil tal-bajd minn operaturi tan-negozju ta' l-ikel, skond l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004.

*Artikolu 4*

**Il-klassifikazzjoni tal-bajd tal-Klassi A skond il-piż**

1. Il-bajd tal-Klassi A għandu jkun ikklassifikat skond il-piż kif ġej:

(a) XL-kbir ħafna: piż ≥ 73 g;

(b) L-kbir: piż ≥ 63 g u < 73 g;

(c) M-medju: piż ≥ 53 g and < 63 g;

(d) S-żgħir: piż < 53 g;

2. Il-klassifika skond il-piż għandha tkun indikata permezz ta' l-ittri jew it-termini korrispondenti kif stabbiliti fil-paragrafu 1 jew permezz ta' taħlita tat-tnejn, li tista' tiġi miżjuda minn varjazzjonijiet ta' piż korrispondenti. Jistgħu jintużaw indikazzjonijiet oħra addizzjonali, sakemm ma jkunx hemm iċ-ċans li tali indikazzjonijiet ikunu żbaljati ma' l-ittri jew it-termini definiti fil-paragrafu 1 u jkunu konformi mad-Direttiva 2000/13/KE.

3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, fejn il-bajd tal-Klassi A ta' qisien differenti jkun ippakkjat flimkien fl-istess pakkett, il-piż minimu nett tal-bajd għandu jingħata fi grammi u l-indikazzjoni "Bajd ta' qisien differenti" jew termini ekwivalenti għandha tidher fuq il-wiċċ ta' barra tal-pakkett.

*Artikolu 5*

**L-awtorizzazzjoni taċ-ċentri ta' l-ippakkjar**

1. Huma biss l-impriżi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu li għandhom ikunu awtorizzati bħala ċentri għall-ippakkjar fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1028/2006.

2. L-awtorità kompetenti għandha talloka kodiċi għaċ-ċentri ta' l-ippakkjar liċ-ċentru ta' l-ippakkjar, b'kodiċi tal-bidu għall-Istat Membru konċernat kif speċifikat fil-punt 2.2 ta' l-Anness mad-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/4/KE ([1]).

3. Iċ-ċentri ta' l-ippakkjar għandhom ikollhom it-tagħmir tekniku neċessarju biex jiżgura li l-bajd jiġi mmaniġġjat sewwa. Dan għandu jinkludi kif jixraq:

(a) tagħmir tad-dawl adattat, awtomatiku jew sorveljat il-ħin kollu minn impjegati biex jippermetti li l-kwalità ta' kull bajda tiġi eżaminata għaliha waħidha, jew tagħmir ieħor li jkun jixraq;

(b) apparati biex ikejlu l-għoli ta' l-ispazju ta' l-arja;

(c) tagħmir biex jagħżel il-bajd skond il-piż;

(d) miżien approvat wieħed jew aktar biex jiżen il-bajd;

(e) tagħmir biex jimmarka l-bajd.

*Artikolu 6*

**Limitu ta' żmien għal klassifikazzjoni, l-immarkar, l-ippakkjar tal-bajd u l-immarkar tal-pakketti**

1. Il-bajd għandu jkun ikklassifikat, immarkat u ppakkjat fi żmien għaxart ijiem wara li jkun inbied.

2. Il-bajd li jitqiegħed fis-suq skond l-Artikolu 14 għandu jkun ikklassifikat, immarkat u ppakkjat fi żmien erbat ijiem wara li jkun inbied.

3. Id-data minima ta' kemm iservi prodott ta' l-ikel msemmija fl-Artikolu 12(1)(d) għandha tkun immarkata waqt l-ippakkjar skond l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2000/13/KE.

*Artikolu 7*

**Informazzjoni li tintwera fuq l-ippakkjar għat-trasport**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, fis-sit ta' produzzjoni, kull ippakkjar għat-trasport li jkun fih il-bajd għandu jkun identifikat mill-produttur permezz ta':

(a) l-isem u l-indirizz tal-produttur;

(b) il-kodiċi tal-produttur;

(c) l-għadd tal-bajd u/jew il-piż tiegħu;

(d) id-data jew il-perjodu ta' meta nbied;

(e) id-data ta' meta ntbagħat.

([1]) ĠU L 30, 31.1.2002, p. 44.

Fil-każ ta' ċentri ta' l-ippakkjar ipprovduti b'bajd mhux ippakkjat mill-entitajiet tal-produzzjoni tagħhom stess, li jkunu jinsabu fl-istess post, l-identifikazzjoni fuq il-kontenituri tista' ssir fiċ-ċentru ta' l-ippakkjar.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun applikata lill-ippakkjar għat-trasport u tkun tinsab fid-dokumenti li jakkumpanjaw. Kopja ta' dawn id-dokumenti għandha tinżamm minn kwalunkwe operatur li jintervjeni u li għandu jrid jitwassal il-bajd. L-oriġinali tad-dokumenti li jakkumpanjaw għandhom jinżammu miċ-ċentru ta' l-ippakkjar li jikklassifika l-bajd.

Fejn lottijiet li jaslu għand kollettur jinqasmu mill-ġdid għal tqassim lil aktar minn operatur wieħed, id-dokumenti li jakkumpanjaw jistgħu jkunu sostitwiti minn tikketti għall-kontenituri tat-trasport xierqa, sakemm dawn ta' l-aħħar ikunu jinkludu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 applikata għall-ippakkjar tat-trasport m'għandhiex tinbidel u għandha tibqa' fuq l-ippakkjar għat-trasport sa ma jitneħħa l-bajd sabiex immedjatament ikun ikklassifikat, immarkat u ippakkjat.

*Artikolu 8*

**L-immarkar tal-bajd għal tqassim minn fruntiera għal oħra**

1. Il-bajd li jitqassam minn sit tal-produzzjoni għal kollettur, ċentru ta' l-ippakkjar, jew industrija li mhijiex ta' l-ikel li tinsab fi Stat Membru ieħor għandu jkun immarkat bil-kodiċi tal-produttur qabel ma jħalli s-sit tal-produzzjoni.

2. Stat Membru li fit-territorju tiegħu jinsab is-sit tal-produzzjoni jista' jagħti eżenzjoni mir-rekwiżit previst fil-paragrafu 1, fejn il-produttur ikun iffirma kuntratt ta' konsenja ma' ċentru ta' l-ippakkjar fi Stat Membru ieħor li jkun jeħtieġ l-immarkar skond dan ir-Regolament. Tali eżenzjoni tista' tingħata biss fuq it-talba taż-żewġ operaturi konċernati u bi ftehim miktub minn qabel ta' l-Istat Membru fejn ikun jinsab iċ-ċentru ta' l-ippakkjar. F'tali każijiet, kopja tal-kuntratt ta' konsenja għandu jakkumpanja l-konsenja.

3. It-tul minimu tal-kuntratti ta' konsenji msemmija fil-paragrafu 2 ma jistax ikun ta' anqas minn xahar.

4. Is-servizzi ta' spezzjoni, imsemmija fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 1028/2006, ta' l-Istati Membri konċernati, u ta' kwalunkwe Stati Membri ta' tranżitu, għandhom ikunu nfurmati qabel ma tingħata eżenzjoni skond il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

5. Il-bajd tal-Klassi B li jitqiegħed fis-suq fi Stat Membru ieħor għandu jkun immarkat skond l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1028/2006 u, fejn xieraq, ikollu indikazzjoni skond l-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament sabiex jiġi żgurat li tkun tista' ssir distinzjoni faċli mill-bajd tal-Klassi A.

*Artikolu 9*

**Il-kodiċi tal-produttur**

1. Il-kodiċi tal-produttur għandu jikkonsisti fil-kodiċi u l-ittri previsti fil-punt 2 ta' l-Anness tad-Direttiva 2002/4/KE. Dan għandu jkun jidher faċilment u jinqara b'mod ċar u jkollu għoli ta' l-anqas ta' 2 mm.

2. Mingħajr preġudizzju għat-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1028/2006, fejn għal raġunijiet tekniċi ma jkunx possibbli li l-bajd maqsum jew maħmuġ ikun immarkat, mhux se jkun obbligatorju li jsiru l-marki bil-kodiċi tal-produttur.

*Artikolu 10*

**Indikazzjonijiet dwar il-bajd tal-Klassi B**

L-indikazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1028/2006 għandha tkun ċirku b'dijametru ta' mill-anqas 2 mm madwar l-ittra "B" għolja ta' l-anqas 5 mm, jew tikka kkulurita li tkun tidher faċilment b'dijametru ta' mill-anqas 5 mm.

*Artikolu 11*

**L-immarkar tal-bajd li jitwassal direttament għand l-industrija ta' l-ikel**

1 Sat-30 ta' Ġunju 2008, l-obbligi ta' l-immarkar stipulati fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1028/2006 mhux se japplikaw għall-bajd prodott fil-Komunità, li jinġabar mill-operatur ta' l-industrija ta' l-ikel li hu innifsu huwa approvat skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, direttament mill-fornituri normali tiegħu. F'dak il-każ, il-konsenja tkun taħt ir-responsabbiltà sħiħa ta' l-operatur ta' l-industrija ta' l-ikel, li b'dan il-mod għandu ukoll r-responsabbiltà li l-bajd jużah biss għall-ipproċessar.

2. Mill-1 ta' Lulju 2008, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw l-operaturi fuq it-talba tagħhom mill-obbligi ta' l-immarkar stipulati fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1028/2006, fejn il-bajd jitwassal direttament mis-sit ta' produzzjoni lejn l-industrija ta' l-ikel.

*Artikolu 12*

**L-immarkar tal-pakketti**

1. Il-pakketti li jkun fihom bajd tal-Klassi A fuq in-naħa ta' barra b'tipa li tidher faċilment u tinqara b'mod ċar, għandu jkollhom:

(a) il-kodiċi taċ-ċentru ta' l-ippakkjar;

(b) il-klassifikazzjoni tal-kwalità; il-pakketti jistgħu jiġu identifikati jew bil-kliem "Klassi A" jew bl-ittra "A" kemm jekk waħidhom jew flimkien mal-kelma "frisk";

(c) il-klassifikazzjoni tal-piż skond l-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament;

(d) id-data minima ta' kemm iservi prodott skond l-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament;

(e) il-kliem "bajd maħsul" għal bajd maħsul skond l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament;

(f) bħala kundizzjoni speċjali skond l-Artikolu 3(1)(6) tad-Direttiva 2000/13/KE, indikazzjoni li tagħti parir lill-konsumaturi biex iżommu l-bajd imkessaħ wara li jinxtara.

2. Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1, il-pakketti li jkun fihom bajd tal-Klassi A fuq in-naħa ta' barra b'tipa li tidher faċilment u li tinqara b'mod ċar, għandhom ikollhom il-metodu ta' trobbija.

Għall-identifikazzjoni tal-metodu ta' trobbija, għandhom jintużaw it-termini li ġejjin biss:

(a) għaltrobbija konvenzjonali, it-termini stipulati fil-Parti A ta' l-Anness I, u biss jekk jitwettqu l-kundizzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Anness II;

(b) għalproduzzjoni organika, it-termini stipulati fl-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 [1].

It-tifsira tal-kodiċi tal-produttur għandha tkun spjegata fuq jew fin-naħa ta' ġewwa tal-pakkett.

Fejn it-tiġieġ tal-bajd jinżammu f'sistemi ta' produzzjoni skond ir-rekwiżiti stipulati fil-Kapitolu III tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE, l-identifikazzjoni tal-metodu ta' trobbija jista' jkun ikkumplimentat minn wieħed mill-indikazzjonijiet imsemmija fil-Parti B ta' l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

3. Il-paragrafu 2 għandu jgħodd mingħajr preġudizzju għal miżuri tekniċi nazzjonali li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Anness II, li jistgħu jgħoddu biss għal produtturi ta' l-Istati Membri kkonċernati u bil-kundizzjoni li jkunu kompatibbli mal-liġi Komunitarja.

4. Il-pakketti li jkun fihom bajd tal-Klassi B fuq in-naħa ta' barra b'tipa li tidher faċilment u tinqara b'mod ċar, għandhom ikollhom:

(a) il-kodiċi taċ-ċentru ta' l-ippakkjar;

(b) il-klassifikazzjoni tal-kwalità; il-pakketti għandhom ikunu identifikati jew bil-kliem "Klassi B" jew bl-ittra "B";

(c) id-data ta' l-ippakkjar;

---

[1] ĠU L 198, 22. 7.1991, p. 1.

5. Għall-pakketti tal-bajd prodott fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li t-tikketti jitwaħħlu b'tali mod sabiex jitqattgħu meta l-pakketti jinfetħu.

*Artikolu 13*

**Indikazzjoni tad-data minima ta' kemm iservi prodott**

Id-data minima ta' kemm iservi prodott imsemmija fl-Artikolu3(1)(5) tad-Direttiva2000/13/KE għandha tkun iffissata sa mhux aktar minn 28 jum wara li jkun inbied. Fejn ikun indikat il-perjodu tal-bidien, id-data minima ta' kemm iservi prodott għandha tkun determinata mill-ewwel jum ta' dak il-perjodu.

*Artikolu 14*

**Il-pakketti mmarkati bħala "extra"**

1. Il-kliem "*extra*" jew "*extra fresh*" jistgħu jintużaw bħala indikazzjoni addizzjonali ta' kwalità fuq il-pakketti li jkun fihom il-bajd tal-Klassi A sad-disa' jum wara li jinbied il-bajd.

2. Fejn jintużaw l-indikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, id-data ta' meta l-bajd ikun inbied u l-limitu ta' żmien ta' disat ijiem għandu jintwera fuq il-pakkett b'tali mod li jidher faċilment u jinqara b'mod ċar.

*Artikolu 15*

**Indikazzjoni dwar kif jingħalfu t-tiġieġ tal-bajd**

Fejn tintuża indikazzjoni dwar il-metodu ta' l-għalf tat-tiġieġ tal-bajd, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti minimi li ġejjin:

(a) referenza tista' ssir għal ċereali bħala ingredjent ta' l-għalf biss meta dawn ikunu jikkostitwixxu ta' l-anqas 60 % bil-piż mir-riċetta ta' l-għalf li tingħata, li minnu mhux aktar minn 15 % ta' prodotti li joħorġu miċ-ċereali.

(b) mingħajr preġudizzju għal-livell minimu ta' 60 % imsemmi fil-punt (a), fejn issir referenza għal ċereali speċifiku, għandu jammonta għal ta' l-anqas 30 % tar-riċetta ta' l-għalf li tintuża. Jekk issir referenza speċifika għal aktar minn ċereali wieħed, kull wieħed għandu jammonta għal ta' l-anqas 5 % tar-riċetta ta' l-għalf.

*Artikolu 16*

**Informazzjoni li għandha tintwera għal bajd li jinbiegħ farrad**

Għal bajd li jinbiegħ farrad, l-informazzjoni li ġejja għandha tingħata b'tali mod li tkun tidher faċilment u tinqara b'mod ċar mill-konsumatur:

(a) il-klassifikazzjoni skond il-kwalità;

(b) il-klassifikazzjoni skond il-piż skond l-Artikolu 4;

(c) indikazzjoni dwar il-metodu ta' trobbija ekwivalenti għal dawk imsemmija fl-Artikolu 12(2);

(d) spjegazzjoni dwar it-tifsira tal-kodiċi ta' produzzjoni;

(e) id-data minima ta' kemm iservi prodott.

*Artikolu 17*

**Il-kwalità tal-pakketti**

Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu X ta' l-Anness II mar-Regolament (KE) Nru 852/2004, il-pakketti għandhom ikunu tali li jipproteġu kontra l-iskossi, xotti, indaf u fi stat tajjeb, u magħmula minn materjali li jipproteġu l-bajd minn irwejjaħ barranin u mir-riskju ta' deterjorazzjoni tal-kwalità.

*Artikolu 18*

**Bajd industrijali**

Il-bajd industrijali għandu jitqiegħed fis-suq f'kontenituri għall-ippakkjar bi strixxa jew tikketta ħamra.

Dawn l-istrixxi u tikketti għandhom juru:

(a) l-isem u l-indirizz ta' l-operatur li għalihom huwa intenzjonat il-bajd;

(b) l-isem u l-indirizz ta' l-operatur li jkun bagħat il-bajd;

(c) Il-kliem "bajd industrijali" f'ittri majjuskoli b'għoli ta' 2 mm, u l-kliem "mhux tajbin għal konsum uman" f'ittri b'għoli ta' mill-anqas 8 mm.

*Artikolu 19*

**L-ippakkjar mill-ġdid**

Il-bajd ippakkjat tal-Klassi A jista' jerġa' jkun ippakkjat biss minn ċentri ta' l-ippakkjar. Kull pakkett għandu jkun fih biss bajd ta' lott wieħed.

*Artikolu 20*

**Reġistri li jridu jinżammu mill-produtturi**

1. Il-produtturi għandhom jirreġistraw informazzjoni dwar il-metodu ta' trobbija, u għal kull metodu ta' trobbija li intuża għandhom jispeċifikaw:

(a) id-data tat-tqegħid, l-età waqt it-tqegħid u l-għadd tat-tiġieġ tal-bajd;

(b) id-data tal-qatla u l-għadd ta' tiġieġ maqtula;

(c) il-produzzjoni ta' kuljum ta' bajd;

(d) l-għadd u/jew il-piż tal-bajd li nbiegħ għal kull jum jew li twassal kuljum b'mezzi oħra;

(e) l-ismijiet u l-indirizzi tax-xerrejja.

2. Fejn ikun indikat il-metodu ta' l-għalf skond l-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament, il-produtturi għandhom, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti stipulati fil-parti A.III ta' l-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 852/2004, jirreġistraw l-informazzjoni li ġejja, u jispeċifikaw għal kull metodu ta' għalf li ntuża:

(a) il-kwantità u t-tip ta' l-għalf provdut u/jew imħallat fil-post;

(b) id-data meta wasal l-għalf.

3. Fejn produttur juża metodi ta' trobbija differenti f'sit wieħed ta' produzzjoni, l-informazzjoni msemmija f'paragrafi 1 u 2 għandha titqassam skond il-gallinar.

4. Għall-għan ta' dan l-Artikolu, minflok li jinżammu reġistri tal-bejgħ u tal-kunsinji, il-produtturi jistgħu jżommu fajls ta' rċevuti u noti ta' kunsinji mmarkati kif indikat f'paragrafi 1 u 2.

*Artikolu 21*

**Reġistri li jridu jinżammu mill-kolletturi**

1. Il-kolletturi għandhom jirreġistraw separatament, skond il-metodu tat-trobbija u skond il-jum:

(a) il-kwantità ta' bajd li jiġbru, imqassma skond il-produttur, waqt li jingħata l-isem, l-indirizz u l-kodiċi tal-produttur u d-data jew il-perjodu meta jkun inbied il-bajd;

(b) il-kwantità ta' bajd imqassma liċ-ċentri rilevanti ta' l-ippakkjar, skond il-produttur, bl-isem, l-indirizz, l-kodiċi taċ-ċentru ta' l-ippakkjar u d-data jew il-perjodu meta jkun inbied il-bajd.

2. Għall-għan ta' dan l-Artikolu, minflok li jinżammu reġistri tal-bejgħ u tal-kunsinji, l-entitajiet reponsabbli mill-ġbir jistgħu jżommu fajls ta' fatturi u noti ta' kunsinji mmarkati kif indikat fil-paragrafu1.

*Artikolu 22*

**Reġistri li jridu jinżammu miċ-ċentri ta' l-ippakkjar**

1. Iċ-ċentri ta' l-ippakkjar għandhom jirreġistraw separatament, skond il-metodu tat-trobbija u skond il-jum:

(a) il-kwantitajiet ta' bajd mhux klassifikat li jirċievu, imqassma skond il-produttur, waqt li jingħata l-isem, l-indirizz u l-kodiċi tal-produttur u d-data jew il-perjodu meta jkun inbied il-bajd;

(b) wara li l-bajd ikun ikklassifikat, il-kwantitajiet skond il-klassifikazzjoni tal-kwalità u l-piż;

(c) il-kwantitajiet ta' bajd ikklassifikat li jirċievu mingħand ċentri oħra ta' l-ippakkjar, li jinkludu l-kodiċi ta' dawk iċ-ċentri ta' l-ippakkjar u d-data minima ta' kemm iservi l-prodott;

(d) il-kwantitajiet ta' bajd mhux klassifikati li jitwasslu għand ċentri oħra ta' l-ippakkjar, imqassma skond il-produttur, li jinkludu l-kodiċi ta' dawk iċ-ċentri ta' l-ippakkjar u d-data jew il-perjodu ta' meta nbied;

(e) l-għadd u/jew il-piż tal-bajd li twassal, ikklassifikat skond il-kwalità u l-piż, fil-każ tal-bajd tal-Klassi B id-data ta' l-ippakkjar jew fil-każ tal-bajd tal-Klassi A d-data minima ta' kemm iservi l-prodott, u skond ix-xerrej, bl-isem u l-indirizz ta' dan ta' l-aħħar.

Iċ-ċentri ta' l-ippakkjar, ta' kull ġimgħa, għandhom jaġġornaw ir-reġistru ta' l-istokk fiżiku.

2. Fejn il-bajd tal-Klassi A u l-pakketti tagħhom għandhom indikazzjoni dwar kif jintgħalef it-tiġieġ tal-bajd skond l-Artikolu 15, iċ-ċentri ta' l-ippakkjar li jużaw tali indikazzjonijiet għandhom iżommu reġistri separati skond il-paragrafu 1.

3. Għall-għan ta' dan l-Artikolu, minflok li jinżammu reġistri tal-bejgħ u tal-kunsinji, iċ-ċentri ta' l-ippakkjar jistgħu jżommu fajls ta' rċevuti u noti ta' kunsinji mmarkati kif indikat f'paragrafi 1 u 2.

*Artikolu 23*

**Żmien massimu stipulat biex jinżammu r-reġistri**

Reġistri u fajls imsemmija fl-Artikoli 7(2), 20, 21 u 22 għandhom jinżammu għal ta' l-anqas tnax-il xahar mid-data ta' meta nħolqu.

*Artikolu 24*

1. Minbarra l-kampjunar aleotorju, l-operaturi għandhom ikunu spezjonati bi frekwenza li għandha tkun determinata mis-servizzi ta' spezzjoni fuq il-bażi ta' l-analiżi tar-riskju kif imsemmi fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1028/2006 li jqisu, ta' l-anqas:

(a) ir-riżultati tal-kontrolli ta' qabel;

(b) il-kumplessità tal-mezzi għall-kummerċjalizzazzjoni li jgħaddi minnhom il-bajd;

(c) il-grad ta' segmentazzjoni fl-istabbiliment tal-produzzjoni jew ta' l-ippakkjar;

(d) il-kwantità tal-bajd prodott jew ippakkjat;

(e) kwalunkwe tibdil sostanzjali mis-snin ta' qabel fit-tip ta' bajd prodott jew ipproċessat jew fil-metodu tal-kummerċjalizzazzjoni.

2. L-ispezzjonijiet għandhom jitwettqu regolarment u mingħajr avviż minn qabel. Ir-reġistri msemmija fl-Artikoli 20, 21 u 22 għandhom ikunu disponibbli fuq l-ewwel talba għas-servizzi ta' spezzjoni.

*Artikolu 25*

**Deċiżjonijiet dwar nuqqas ta' konformità**

1. Deċiżjonijiet mis-servizzi ta' spezzjoni wara l-ispezzjonijiet stipulati fl-Artikolu 24 li jindikaw nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament jistgħu jittieħdu biss għal-lott kollu li jkun ġie ċċekkjat.

2. Fejn il-grupp ikkontrollat ikun meqjus illi ma jikkonformax ma' dan ir-Regolament, is-servizz ta' spezzjoni għandu jipprojbixxi t-tqegħid tiegħu fis-suq, jew l-importazzjoni tiegħu jekk il-lott ikun ġej minn pajjiż terz, għajr jekk u sakemm tingħata prova illi kienet saret konformi ma' dan ir-Regolament.

3. Is-servizz ta' spezzjoni li jkun għamel il-kontroll għandu jivverifika jekk il-lott mhux aċċettat kienx qed isir jew qiegħed isir konformi ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 26*

**Tolleranza lejn id-difetti fil-kwalità**

1. It-tolleranzi li ġejjin se jkunu permessi meta jkunu ċċekjati lottijiet ta' bajd tal-Klassi A:

(a) fiċ-ċentru ta' l-ippakkjar, ftit qabel ma jitilqu: 5 % tal-bajd b'difetti fil-kwalità;

(b) fl-istadji l-oħra tal-kummerċjalizzazzjoni: 7 % tal-bajd b'difetti fil-kwalità.

2. Għal bajd li jitqiegħed fis-suq bħala "*extra*" jew "*extra fresh*", m'hi se tingħata l-ebda tolleranza għall-għoli tal-kobor ta' l-arja fil-ħin ta' l-ippakkjar jew ta' l-importazzjoni.

3. Meta l-lott ivverifikat ikun fih anqas minn 180 bajda, il-perċentwali stipulati fil-paragrafu 1 għandhom jiġu rdoppjati.

*Artikolu 27*

**Tolleranza fil-piż tal-bajd**

1. Minbarra fil-każ previst fl-Artikolu 4(3), waqt il-verifika ta' bajd tal-Klassi A, għandha tingħata tolleranza fir-rigward tal-piż għal kull bajda. Tali lottijiet jista' jkun fihom mhux aktar minn 10 % tal-bajd tal-klassifikazzjoni ta' piż li jkunu viċin ta' dak immarkat fuq il-pakkett, iżda mhux aktar minn 5 % tal-bajd tal-klassifikazzjoni ta' bajd inferjuri li jmiss.

2. Meta l-lott ivverifikat ikun fih anqas minn 180 bajda, il-perċentwali stipulati fil-paragrafu 1 għandhom jiġu rdoppjati.

*Artikolu 28*

**Tolleranza fl-immarkar tal-bajd**

Għandu jkun hemm tolleranza ta' 20 % għall-bajd b'marki li ma jinqrawx fil-verfika tal-lottijiet u pakketti.

*Artikolu 29*

**Bajd fl-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi**

Bajd ippakkjat u intenzjonat għall-esportazzjoni jista' jsir konformi ma' rekwiżiti differenti minn dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1028/2006 u dan ir-Regolament fir-rigward tal-kwalità, l-immarkar u t-tikkettjar, jew b'rekwiżiti addizzjonali.

*Artikolu 30*

**Bajd importat**

1. Kwalunkwe evalwazzjoni ta' l-ekwivalenza kif imsemmija fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1028/2006 għandha tinkludi evalwazzjoni dwar jekk ir-rekwiżiti li jinsabu f'dan ir-Regolament jintlaħqux b'mod effettiv mill-operaturi fil-pajjiżi terzi konċernati. Din għandha tkun aġġornata regolarment.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-riżultati ta' l-evalwazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

2. Il-bajd importat minn pajjiżi terzi għandhom ikunu mmarkati b'mod ċar u li jinqara fil-pajjiż ta' l-oriġini skond il-kodiċi tal-pajjiż ISO 3166.

3. Il-pakketti li jkun fihom il-bajd importat minn pajjiżi li ma joffrux biżżejjed garaniziji fl-ekwivalenza ta' regoli kif imsemmija fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1028/2006 għandu jkollhom fuq in-naħa ta' barra b'tipa li tidher faċilment u tinqara b'mod ċar:

(a) il-pajjiż ta' l-oriġini;

(b) il-metodu tat-trobbija bħala "standard mhux tal-KE".

*Artikolu 31*

**Ir-rappurtaġġ**

Ta' kull sena, qabel l-ewwel ta' April, kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni permezz ta' mezzi elettroniċi, dwar l-għadd ta' siti ta' produzzjoni bi tqassim tal-metodi tat-trobbija, u jinkludu l-kapaċità massima ta' l-istabbiliment fl-għadd ta' għasafar preżenti f'ħin wieħed.

*Artikolu 32*

**Notifika dwar il-ksur**

Permezz ta' mezzi elettroniċi, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol, dwar kwalunkwe ksur li jkun instab mis-servizzi ta' spezzjoni, jew kwalunkwe suspett serju dwar dan, li jistgħu jeffettwaw il-kummerċ tal-bajd intra-Komunitarju. Il-kummerċ intra-Komunitarju huwa meqjus li jkun effettwat partikolarment fil-każ ta' ksur serju minn operaturi li jipproduċu jew iqiegħdu fis-suq bajd biex jinbiegħ fi Stat Membru ieħor.

*Artikolu 33*

**Eċċezzjonijiet għad-dipartimenti Franċiżi ta' barra**

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 2(3), il-bajd intenzjonat għal bejgħ bl-imnut fid-dipartimenti Franċiżi ta' barra, jista' jintbagħat imkessaħ lejn dawk id-dipartimenti. F'dak il-każ, id-data sa meta għandu jinbiegħ tista' tiġi estiża sa 33 jum.

2. Fil-każ imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 12 u 16, għandu jkun jidher il-kliem "bajd imkessaħ" u d-dettalji dwar it-tkessiħ għandhom jingħataw fuq il-wiċċ ta' barra tal-pakkett.

Il-marka li tiddistingwi l-"bajd imkessaħ" għandha tkun triangolu ekwilaterali b'kull naħa twila ta' l-anqas 10 mm.

*Artikolu 34*

**Eċċezzjonijiet għal ċerti reġjuni tal-Finlandja**

Il-bajd li jinbiegħ direttament mill-produttur lill-bejjiegħa bl-imnut fir-reġjuni msemmija fl-Anness III għandu jkun eżentat mir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1028/2006 u ta' dan ir-Regolament. Madankollu, il-metodu ta' trobbija għandu jkun identifikat kif jixraq skond l-Artikoli 12(2) u 16(c) ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 35*

**L-evalwazzjoni ta' prassi rigward ċertu tikkettjar volontarju**

Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2009, il-Kummissjoni se tevalwa l-użu li jsir mit-tikkettjar volontarju skond l-aħħar subparagrafu ta' l-Artikolu 12(2), sabiex, jekk ikun hemm bżonn dan isir obbligatorju.

*Artikolu 36*

**Ir-revoka**

Ir-Regolament (KE) Nru 2295/2003 hu rrevokat b'seħħ mill-1 ta' Lulju 2007.

Referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jiġu analizzati bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

*Artikolu 37*

**Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2007.

L-Artiklu 33 għandu japplika sat-30 ta' Ġunju 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

PARTI A

**Termini msemmija fl-Artikolu 12(2) għal punt (a) tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 12(2):**

| Kodiċi lingwi | 1 | 2 | 3 |
|---|---|---|---|
| BG | "яйца от кокошки – свободно отглеждане на открито" | "яйца от кокошки – подово отглеждане" | "яйца от кокошки – клетъчно отглеждане" |
| ES | "Huevos de gallinas camperas" | "Huevos de gallinas criadas en el suelo" | "Huevos de gallinas criadas en jaula" |
| CS | "Vejce nosnic ve volném výběhu" | "Vejce nosnic v halách" | "Vejce nosnic v klecích" |
| DA | "Frilandsæg" | "Skrabeæg" | "Buræg" |
| DE | "Eier aus Freilandhaltung" | "Eier aus Bodenhaltung" | "Eier aus Käfighaltung" |
| ET | "Vabalt peetavate kanade munad" | "Õrrekanade munad" | "Puuris peetavate kanade munad" |
| EL | "Αυγά ελεύθερης βοσκής" | "Αυγά αχυρώνα ή αυγά στρωμνής" | "Αυγά κλωβοστοιχίας" |
| EN | "Free range eggs" | "Barn eggs" | "Eggs from caged hens" |
| FR | "Oeufs de poules élevées en plein air" | "Oeufs de poules élevées au sol" | "Oeufs de poules élevées en cage" |
| GA | "Uibheacha saor-raoin" | "Uibheacha sciobáil" | "Uibheacha ó chearca chúbarnaí" |
| IT | "Uova da allevamento all'aperto" | "Uova da allevamento a terra" | "Uova da allevamento in gabbie" |
| LV | "Brīvās turēšanas apstākļos dētās olas" | "Kūtī dētas olas" | "Sprostos dētas olas" |
| LT | "Laisvai laikomų vištų kiaušiniai" | "Ant kraiko laikomų vištų kiaušiniai" | "Narvuose laikomų vištų kiaušiniai" |
| HU | "Szabad tartásban termelt tojás" | "Alternatív tartásban termelt tojás" | "Ketreces tartásból származó tojás" |
| MT | "Bajd tat-tiġieg imrobbija barra" | "Bajd tat-tiġieġ imrobbija ma'l-art" | "Bajd tat-tiġieġ imrobbija filgaġeġ" |
| NL | "Eieren van hennen met vrije uitloop" | "Scharreleieren" | "Kooieieren" |
| PL | "Jaja z chowu na wolnym wybiegu" | "Jaja z chowu ściółkowego" | "Jaja z chowu klatkowego" |
| PT | "Ovos de galinhas criadas ao ar livre" | "Ovos de galinhas criadas no solo" | "Ovos de galinhas criadas em gaiolas" |
| RO | "Ouă de găini crescute în aer liber" | "Ouă de găini crescute în hale la sol" | "Ouă de găini crescute în baterii" |
| SK | "Vajcia z chovu na voľnom výbehu" | "Vajcia z podostieľkového chovu" | "Vajcia z klietkového chovu" |
| SL | "Jajca iz proste reje" | "Jajca iz hlevske reje" | "Jajca iz baterijske reje" |
| FI | "Ulkokanojen munia" | "Lattiakanojen munia" | "Häkkikanojen munia" |
| SV | "Ägg från utehöns" | "Ägg från frigående höns inomhus" | "Ägg från burhöns" |

PARTI B

**Termini msemmija fir-raba' subparagrafu ta' l-Artikolu 12(2)**

| Il-kodiċi tal-lingwi | |
|---|---|
| BG | "уголемени клетки" |
| ES | "Jaulas acondicionadas" |
| CS | "Obohacené klece" |
| DA | "Stimulusberigede bure" |
| DE | "ausgestalteter Käfig" |
| ET | "Täiustatud puurid" |
| EL | "Αναβαθμισμένοι/Διευθετημένοι κλωβοί" |
| EN | "Enriched cages" |
| FR | "Cages aménagées" |
| GA | "Cásanna Saibhrithe" |
| IT | "Gabbie attrezzate" |
| LV | "Uzlaboti būri" |
| LT | "Pagerinti narveliai" |
| HU | "Feljavított ketrecek" |
| MT | "Gaġġeg arrikkiti" |
| NL | "Aangepaste kooi" of "Verrijkte kooi" |
| PL | "Klatki ulepszone" |
| PT | "Gaiolas melhoradas" |
| RO | "Cuști îmbunătățite" |
| SK | "Obohatené klietky" |
| SL | "Obogatene kletke" |
| FI | "Varustellut häkit" |
| SV | "Inredd bur" |

*ANNESS II*

**Rekwiżiti minimi għal sistemi ta' produzzjoni għad-diversi metodi ta' produzzjoni tal-bajd**

1. "Bajd tat-tiġieg imrobbija barra" għandhom ikunu prodotti f'sistemi ta' produzzjoni li jissodisfaw ta' l-anqas il-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 1999/74/KE.

   Partikolarment iridu jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) it-tiġieġ għandhom ikollhom aċċess kontinwu bi nhar għal biċċiet ta' art fil-beraħ. Madankollu, dan ir-rekwiżit ma jċaħħadx produttur milli jirrestrinġi l-aċċess għal perjodu ta' żmien limitat fis-sigħat ta' filgħodu skond il-prassi tajba tas-soltu għall-biedja, li jinkludu t-trobbija ta' l-annimali.

   Fil-każ ta' aktar restrizzjonijiet, li jinkludu restrizzjonijiet veterinarji, adottati taħt id-dritt Komunitarju biex titħares is-saħħa pubblika u ta' l-annimali, li għandhom l-effett li jirrestrinġu l-aċċess tat-tiġieġ għal biċċiet ta' art fil-beraħ, il-bajd jista' jibqa' jitqiegħed fis-suq bħala "bajd tat-tiġieg imrobbija fil-beraħ" sakemm iddum ir-restrizzjoni, iżda taħt l-ebda ċirkostanza għal aktar minn tnax-il ġimgħa;

   (b) il-biċċiet ta' art fil-beraħ li għalihom it-tiġieġ ikollhom aċċess iridu jkunu miksija l-aktar bil-ħaxix u ma jintużawx għall-ebda skop ieħor għajr bħala ġonna tal-frott, imsaġar u mergħat tal-bhejjem jekk dawn ta' l-aħħar ikunu awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti;

   (c) id-densità massima tal-bhejjem għall-biċċiet ta' art fil-beraħ ma tistax tkun ta' aktar minn 2 500 tiġieġa għal kull ettaru ta' art disponibbli għat-tiġieġ jew tiġieġa waħda għal kull 4 $m^2$ il-ħin kollu. Iżda, meta għallinqas 10 $m^2$ għal kull tiġieġa jkunu disponibbli u fejn tintuża r-rotazzjoni u t-tiġieġ jingħataw aċċess indaqs għaż-żona kollha matul il-ħajja tal-qatgħa, kull reċint użat għandu f'kull ħin jiżgura ta' l-anqas 2,5 $m^2$ għal kull tiġieġa;

   (d) il-biċċiet ta' art fil-beraħ ma jistgħux jestendu lil hinn minn raġġ ta' 150 m mill-eqreb fetħa tal-bini. Madankollu estensjoni ta' sa 350 m mill-eqreb fetħa tal-bini tkun permissibbli sakemm għadd bizzejjed ta' postijiet ta' kenn kif imsemmi fl-Artikolu 4(1)(3)(b)(ii) tad-Direttiva 1999/74/KE ikunu mqassma f'distanzi ndaqs matul il-ftuħ kollu kemm hu b'ta' l-anqas erba' postijiet ta' kenn kull ettaru.

2. "Bajd tat-tiġieġ imrobbija ma' l-art" għandhom ikunu prodotti f'sistemi ta' produzzjoni li jissodisfaw ta' l-anqas il-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE.

3. "Bajd tat-tiġieġ imrobbija fil-gaġeġ" għandu jiġi prodott f'azjendi tat-tjur li jissodisfaw ta' l-anqas:

   — il-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 1999/74/KE sal-31 ta' Diċċembru 2011, jew

   — il-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 1999/74/KE.

4. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw derogi mill-punti 1. u 2. ta' dan l-Anness għall-istabbilimenti b'anqas minn 350 tiġieġ tal-bajd jew jrabbu tiġieġ tal-bajd għat-trobbija fir-rigward ta' l-obbligi msemmija fit-tieni sentenza tal-punt 1(d) u fil-punti 1(e), 2, 3(a)(i) u 3(b)(i) ta' l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 1999/74/KE.

*ANNESS III*

**Ir-Reġjuni tal-Finlandja msemmija fl-Artikolu 34**

Il-provinċji ta’:

— Lappi,

— Oulu,

— ir-reġjuni ta’ Karelia ta’ Fuq u Savo ta’ Fuq fil-provinċja tal-Finlandja tal-Lvant,

— Åland.

*ANNESS IV*

**It-tabella ta' korrelazzjoni msemmija fl-Artikolu 36**

| Ir-Regolament (KE) Nru 2295/2003 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 1 | — |
| Artikolu 2 | — |
| Artikolu 3 | Artikolu 5 |
| Artikolu 4 | Artikolu 5 |
| Artikolu 5 | Artikolu 2(1), (2) u (3) |
| Artikolu 6 | Artikolu 2(4) |
| Artikolu 7 | Artikolu 4 |
| Artikolu 8(1) sa (4) | Artikolu 6 |
| Artikolu 8(5) | Artikolu 8 |
| Artikolu 8(6) | — |
| Artikolu 8(7) | Artikolu 11 |
| Artikolu 9 | Artikolu 13 |
| Artikolu 10 | Artikolu 12(4)(c) |
| Artikolu 11 | — |
| Artikolu 12 | Artikolu 14 |
| Artikolu 13 (1) u (3) | Artikolu 12 |
| Artikolu 13(2) | Artikolu 16 |
| Artikolu 14 | Artikolu 15 |
| Artikolu 15 | — |
| Artikolu 16 | Artikolu 30 |
| Artikolu 17 | Artikolu 12 |
| Artikolu 18 | — |
| Artikolu 19 | Artikolu 18 |
| Artikolu 20 | Artikolu 14 |
| Artikolu 21 | Artikolu 19 |
| Artikolu 22 | Artikolu 2(4) |
| Artikolu 23 | — |
| Artikolu 24 | Artikolu 20 |
| Artikolu 25(1), (2) u (3) | Artikolu 21 |
| Artikolu 25(4) | Artikolu 24 |
| Artikolu 26 | Artikolu 23 |
| Artikolu 27 | L-Artikoli 7 (2) Artikolu 22 |
| Artikolu 28 | — |
| Artikolu 29 | Artikolu 32 |

| Ir-Regolament (KE) Nru 2295/2003 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 30 | — |
| Artikolu 31 | — |
| Artikolu 32 | — |
| Artikolu 33 | Artikolu 26 |
| Artikolu 34 | Artikolu 27 |
| Artikolu 35 | Artikolu 4 |
| Artikolu 36 | Artikolu 17 |
| Artikolu 37 | — |
| Artikolu 38 | Artikolu 36 |
| Artikolu 39 | Artikolu 37 |
| ANNESS I | — |
| ANNESS II | ANNESS I |
| ANNESS III | ANNESS II |
| ANNESS IV | Artikolu 15 |
| ANNESS V | — |

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 558/2007**

**tat-23 ta' Mejju 2007**

**li jiftaħ u jipprevedi l-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja għall-importazzjoni ta' l-annimali bovini maskili ta' età żgħira għat-tismin**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewopea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċanga u l-vitella [1], partikolarment l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Billi,

(1) L-iskeda CXL tal-WTO tirrikjedi illi l-Komunità tiftaħ kwota tariffarja annwali għall-importazzjoni ta' 169 000 annimal bovin maskili għat-tismin. Madankollu, bħala riżultat tan-negozjati li wasslu għall-Ftehim taħt forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika skond l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 [2], approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/333/KE [3], il-Kummissjoni kkommettiet ruħha li tinkorpora fl-iskeda tagħha għall-Istati Membri kollha aġġustament ta' dik il-kwota tariffarja ta' l-importazzjoni għal 24 070 ras.

(2) Huwa meħtieġ li jiġu stipulati regoli dettaljati għall-ftuħ u l-immaniġġjar ta' din il-kwota tariffarja ta' l-importazzjoni għall-perjodi li jibdew mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara.

(3) Skond l-Artikolu 29(1) tar-Regolament (KE) Nru 1254/1999, l-importazzjonijiet fil-Komunità għandhom ikunu mmanniġġjati permezz tal-liċenzji ta' l-importazzjoni. Madankollu, huwa xieraq li l-kwota tiġi mmaniġġjata billi d-drittijiet għall-importazzjoni jiġu attribwiti bħala l-ewwel pass u l-ħruġ ta' liċenzji ta' l-importazzjoni bħala t-tieni pass, kif previst fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistipula regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' prodotti agrikoli mmaniġġjati minn sistema ta' liċenzji ta' l-importazzjoni [4]. B'dan il-mod, l-operaturi li kisbu d-drittijiet ta' l-importazzjoni għandhom ikunu kapaċi jiddeċiedu, matul il-perjodu tal-kwota, il-waqt meta huma jixtiequ japplikaw għal-liċenzji ta' l-importazzjoni, fid-dawl tal-flussi reali tagħhom ta' kummerċ. F'kull każ, ir-Regolament (KE) Nru 1301/2006 jillimita l-perjodu tal-validità tal-liċenzji sa l-aħħar jum tal-perjodu tal-kwota tariffarja ta' l-importazzjoni.

(4) Għandhom jiġu stipulati regoli dwar is-sottomissjoni ta' l-applikazzjonijiet u l-informazzjoni li għandha tingħata fl-applikazzjonijiet u fil-liċenzji, fejn meħtieġ biż-żieda ta' deroga jew permezz tagħha, minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1445/95 tas-26 ta' Ġunju 1995 dwar regoli għall-applikazzjoni ta' liċenzi ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni fis-settur tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2377/80 [5] u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 tad-9 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' ffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli [6].

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 1301/2006 jistipula b'mod partikolari dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-applikazzjonijiet għad-drittijiet ta' l-importazzjoni, l-istatus ta' l-applikanti u l-ħruġ ta' liċenzji ta' l-importazzjoni. Id-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw, mill-1 ta' Lulju 2007, għal dawk il-liċenzji ta' l-importazzjoni maħruġa skond dan ir-Regolament, mingħajr preġudizzju għall-kundizzjonijiet addizzjonali stipulati f'dan ir-Regolament.

(6) Bil-għan li tiġi evitata l-ispekulazzjoni, il-kwantitajiet disponibbli fi ħdan il-kwota għandhom ikunu aċċessibbli għall-operaturi sabiex dawn ikunu jistgħu juru li huma ġenwinament jimpurtaw kwantitajiet ta' skala sinifikanti minn pajjiżi terzi. Fid-dawl ta' dan u sabiex ikun żgurat immaniġġjar effiċjenti, il-kummerċjanti kkonċernati huma meħtieġa jimpurtaw minimu ta' 50 annimal matul kull wieħed miż-żewġ perjodi ta' referenza msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, peress li konsenja ta' 50 annimal tista' titqies bħala konsenja vijabbli kummerċjalment. Minbarra dan, għal raġunijiet amministrattivi, l-Istati Membri għandhom jitħallew jaċċettaw kopji ċċertifikati tad-dokumenti li jippruvaw l-eżistenza tal-kummerċ ma' pajjiżi terzi.

[1] ĠU L 160, 26.6.1999, p. 21. Ir-Regolament kif emendat l-aħhar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).
[2] ĠU L 124, 11.5.2006, p. 15.
[3] ĠU L 124, 11.5.2006, p. 13.
[4] ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 289/2007 (ĠU L 78, 17.3.2007, p. 17).
[5] ĠU L 143, 27.6.1995, p. 35. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1965/2006 (ĠU L 408, 30.12.2006, p. 27).
[6] ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2006 (ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52).

(7) Ukoll bil-għan li tiġi evitata l-ispekulazzjoni, għandha tiġi stabbilita garanzija għad-drittijiet ta' l-importazzjoni, għandu jiġi stabbilit li l-liċenzji ta' l-importazzjoni mhumiex trasferibbli u li l-liċenzji għandhom jinħarġu lil kummerċjanti għall-kwantitajiet li ġew attribwiti bi drittijiet ta' l-importazzjoni biss.

(8) Sabiex l-operaturi jiġu obbligati japplikaw għal-liċenzji ta' l-importazzjoni għad-drittijiet ta' l-importazzjoni kollha allokati, għandu jiġi stabbilit li l-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal liċenzja għall-kwantitajiet allokati tikkostitwixxi, fir-rigward tal-garanzija fuq id-drittijiet ta' l-importazzjoni, rekwiżit primarju fi ħdan it-tifsira tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 tat-22 ta' Lulju 1985 li jistabbilixxi r-regoli komuni dettaljati sabiex tiġi applikata s-sistema tal-garanzija għall-prodotti agrikoli ([1]).

(9) L-esperjenza turi li l-immaniġġjar xieraq tal-kwota jeħtieġ ukoll illi l-detentur titolari tal-liċenzja jkun importatur ġenwin. Għalhekk, dan l-importatur għandu jipparteċipa b'mod attiv fix-xiri, fit-trasport u fl-importazzjoni ta' l-annimali kkonċernati. Il-preżentazzjoni tal-prova ta' dawn l-attivitajiet għandha għalhekk tkun rekwiżit primarju rigward il-garanzija tal-liċenzja, fi ħdan it-tifsira tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85.

(10) L-applikazzjoni ta' din il-kwota tariffarja teħtieġ kontrolli effettivi dwar id-destinazzjoni speċifika ta' l-annimali impurtati. Għalhekk l-annimali għandhom jiġu msemmnin fl-Istat Membru li jkun alloka d-drittijiet ta' l-importazzjoni.

(11) Għandha tiġi ppreżentata garanzija sabiex jiġi żgurat illi l-annimali jissemmnu ta' l-inqas għal 120 jum fl-unitajiet magħżula għall-produzzjoni. L-ammont tal-garanzija għandu jkopri d-differenza bejn id-Dazju tat-Tariffa Komuni tad-Dwana (CCT) u d-dazju mnaqqas li jkun japplika fid-data tar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa ta' l-annimali kkonċernati.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni taċ-Ċanga u l-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Kwota tariffarja għall-importazzjoni ta' 24 070 annimal bovin maskili ta' età żgħira li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0102 90 05, 0102 90 29 jew 0102 90 49 u li huma maħsuba għat-tismin fil-Komunità qiegħda b'dan tinfetaħ kull sena għal perjodi li jibdew mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara ('perjodi tal-kwota tariffarja ta' l-importazzjoni').

Din il-kwota tariffarja għandu jkollha n-numru ta' l-ordni 09.4005.

2. Id-dazju tad-dwana fuq l-importazzjoni applikabbli skond il-kwota tariffarja msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun ta' 16 % *ad valorem* flimkien ma' EUR 582 għal kull tunnellata netta.

Ir-rata tad-dazju prevista fl-ewwel subparagrafu għandha tapplika bil-kundizzjoni li l-annimali impurtati jiġu msemmnin ta' l-inqas għal 120 jum fl-Istat Membru li jkun ħareġ il-liċenzja ta' l-importazzjoni.

*Artikolu 2*

1. Il-kwota msemmija fl-Artikolu 1(1) għandha tkun immaniġġjata billi d-drittijiet ta' l-importazzjoni jiġu attribwiti bħala l-ewwel pass u l-ħruġ tal-liċenzji ta' l-importazzjoni bħala t-tieni pass.

2. Għandhom japplikaw ir-Regolamenti (KE) Nru 1445/95; Nru 1291/2000 u (KE) Nru 1301/2006, għajr meta pprovdut xorta oħra f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

1. Għall-iskopijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-applikanti għandhom jippruvaw li huma impurtaw ta' l-inqas 50 annimal koperti bil-kodiċi NM 0102 90 matul kull wieħed miż-żewġ perjodi ta' referenza msemmija f'dak l-Artikolu u li huma kienu kummerċjalment u loġistikament responsabbli għax-xiri, it-trasport u l-approvazzjoni għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa ta' l-annimali kkonċernati.

Evidenza għal dawn il-kundizzjonijiet għandha tiġi pprovduta permezz ta':

(a) kopji tad-dokumenti msemmija fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, iċċertifikat kif xieraq mill-awtorità kompetenti;

(b) il-fattura kummerċjali oriġinali jew kopja awtentika magħmula f'isem id-detentur titolari mill-bejjiegħ jew mir-rappreżentant tiegħu, it-tnejn stabbiliti fil-pajjiż terz ta' l-esportazzjoni, u prova tal-ħlas mid-detentur titolari jew il-ftuħ mid-detentur titolari ta' kreditu dokumentarju irrevokabbli favur il-bejjiegħ,

(c) il-polza tat-tagħbija jew, fejn applikabbli, id-dokument tat-trasport bit-triq jew bl-ajru, maħruġ f'isem id-detentur titolari, għall-annimali kkonċernati.

([1]) ĠU L 205, 3.8.1985, p. 5. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2006.

2. Kumpanija ffurmata mill-inkorporazzjoni ta' kumpaniji kull waħda b'importazzjoni ta' referenza konformi mal-kwantità minima li jirreferi għaliha l-paragrafu 1, tista' tuża dawk l-importazzjonijiet ta' referenza bħala prova ta' kummerċ.

*Artikolu 4*

1. L-applikazzjonijiet għal drittijiet ta' l-importazzjoni għandhom jiġu ddepożitati mhux iktar tard mis-13:00, ħin ta' Brussell, fl-1 ta' Ġunju ta' qabel il-perjodu tal-kwota tariffarja ta' l-importazzjoni kkonċernat.

2. Garanzija ta' EUR 3 għal kull ras relatata mad-drittijiet ta' l-importazzjoni għandha tiġi ppreżentata lill-awtorità kompetenti flimkien ma' l-applikazzjoni għad-drittijiet ta' l-importazzjoni.

3. Mhux iktar tard mill-16:00, ħin ta' Brussell, fil-ħames jum ta' xogħol wara tmiem il-perjodu għall-preżentazzjoni ta' l-applikazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-kwantitajiet totali ta' l-applikazzjonijiet.

*Artikolu 5*

1. Id-drittijiet ta' l-importazzjoni għandhom jingħataw mis-seba' jum ta' xogħol u mhux iktar tard mis-16-il jum ta' xogħol wara tmiem il-perjodu għan-notifiki msemmija fl-Artikolu 4(3).

2. Fejn l-applikazzjoni tal-koeffiċjent ta' allokazzjoni li jirreferi għalih l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 tirriżulta f'inqas allokazzjoni ta' drittijiet ta' l-importazzjoni minn kemm ġie applikat għaliha, il-garanzija ddepożitata skond l-Artikolu 4(2) għandha tiġi rrilaxxata proporzjonalment mingħajr dewmien.

*Artikolu 6*

1. Ir-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-kwantitajiet mogħtija skond il-kwota msemmija fl-Artikolu 1(1) huwa suġġett għall-preżentazzjoni ta' liċenzja ta' l-importazzjoni.

2. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni għandhom ikopru l-kwantità totali allokata. Dan l-obbligu għandu jikkostitwixxi rekwiżit primarju skond it-tifsira ta' l-Artikolu 20(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85.

*Artikolu 7*

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzja ta' l-importazzjoni jistgħu jiġu ddepożitati biss ma' l-Istat Membru fejn l-applikant applika u kiseb drittijiet ta' l-importazzjoni li jaqgħu taħt il-kwota msemmija fl-Artikolu 1(1).

Kull ħruġ ta' liċenzja ta' l-importazzjoni għandu jirriżulta fi tnaqqis korrispondenti fid-drittijiet ta' l-importazzjoni miksuba u l-garanzija ddepożitata skond l-Artikolu 4(2) għandha tiġi rrilaxxata proporzjonalment mingħajr dewmien.

2. Il-liċenzji ta' l-importazzjoni għandhom jinħarġu ma' l-applikazzjoni minn u f'isem l-operatur li jkun kiseb id-drittijiet ta' l-importazzjoni.

3. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni u l-liċenzji ta' l-importazzjoni għandu jkun fihom l-informazzjoni li ġejja:

(a) f'kaxxa 8, il-pajjiż ta' l-oriġini;

(b) f'kaxxa 16, wieħed jew iktar mill-kodiċi NM li ġejjin: 0102 90 05, 0102 90 29 jew 0102 90 49;

(c) f'kaxxa 20, in-numru ta' l-ordni tal-kwota (09.4005) u waħda mill-awtorizzazzjonijiet elenkati fl-Anness I.

*Artikolu 8*

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, id-drittijiet derivati mil-liċenzji ta' importazzjoni maħruġa skond dan ir-Regolament m'għandhomx ikunu trasferibbli.

2. L-għoti tal-liċenzja ta' l-importazzjoni għandha tkun soġġetta għal depożitu ta' garanzija ta' EUR 12 ir-ras li l-applikant għandu jiddepożita flimkien ma' l-applikazzjoni għal-liċenzja.

3. Permezz ta' deroga mid-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 4 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, il-garanzija msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu m'għandhiex tiġi rrilaxxata sakemm tiġi ppreżentata prova li d-detentur titolari tal-liċenzja kien responsabbli kummerċjalment u loġistikament mix-xiri, mit-trasport u mill-approvazzjoni għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa ta' l-annimali kkonċernati, kif imsemmi fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 9*

1. Mar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa, l-importatur għandu jipprovdi prova li jkun:

(a) ta impenn bil-miktub li jgħarraf fi żmien xahar lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru fejn tinsab l-azjenda, jew l-azjendi, li fiha għandu jsir it-tismin ta' l-annimali bovini ta' età żgħira;

(b) iddepożita garanzija għall-ammont kif stipulat għal kull kodiċi NM eliġibbli fl-Anness II għand l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru. It-tismin ta' l-annimali impurtati f'dak l-Istat Membru ta' l-inqas għal 120 jum mid-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tad-dwana għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa, huwa rekwiżit primarju fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 20(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85.

2. Minbarra f'każijiet ta' *force majeure*, il-garanzija msemmija fil-paragrafu 1(b) għandha tiġi rrilaxxata biss jekk tingħata prova lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li l-annimali bovini ta' età żgħira:

(a) ġew imsemmnin fl-azjenda, jew azjendi, indikata skond il-paragrafu 1;

(b) ma ġewx maqtula qabel ma għadda perjodu ta' 120 jum mid-data ta' l-importazzjoni; jew

(c) ġew maqtula għal raġunijiet ta' saħħa jew mietu b'riżultat ta' mard jew inċident qabel ma jkun għadda dan il-perjodu.

Il-garanzija għandha tiġi rrilaxxata minnufih wara li tkun ġiet fornita din il-prova.

Madankollu, meta ma jkunx ġie osservat il-limitu taż-żmien msemmi fil-paragrafu 1, il-garanzija li trid tiġi rrilaxxata għandha titnaqqas bi:

— 15 %, u bi

— 2 % tal-bqija ta' l-ammont għal kull estensjoni b'jum tal-limitu taż-żmien.

L-ammonti mhux rilaxxati għandhom jiġu ċeduti.

3. Jekk il-prova msemmija fil-paragrafu 2 ma tiġix pprovduta fi żmien 180 jum mid-data ta' l-importazzjoni, il-garanzija għandha tiġi ċeduta.

Madankollu, jekk din il-prova ma tiġix ipprovduta fi żmien 180 jum previsti fl-ewwel subparagrafu imma tiġi pprovduta fi żmien sitt xhur wara dak il-perjodu, l-ammont ċedut, imnaqqas bi 15 % tal-garanzija, għandu jitħallas lura.

*Artikolu 10*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet gurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

**L-awtorizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7(3)(c)**

| | |
|---|---|
| — *bil-Bulgaru:* | Живи мъжки животни от рода на едрия рогат добитък с живо тегло ненадвишаващо 300 кг за глава добитък, предназначени за угояване [Регламент (ЕО) № 558/2007] |
| — *bl-Ispanjol:* | Bovinos machos vivos de peso vivo inferior o igual a 300 kg [Reglamento (CE) nº 558/2007] |
| — *biċ-Ċek:* | Živí býci s živou váhou nepřevyšující 300 kg na kus, na výkrm (Nařízení (ES) č. 558/2007) |
| — *bid-Daniż:* | Levende ungtyre til opfedning, med en levende vægt på ikke over 300 kg pr. dyr (forordning (EF) nr. 558/2007) |
| — *bil-Ġermaniż:* | Lebende männliche Rinder mit einem Gewicht von höchstens 300 kg je Tier, zur Mast bestimmt (Verordnung (EG) Nr. 558/2007) |
| — *bl-Estonjan:* | Elusad isasveised elusmassiga kuni 300 kg, nuumamiseks (määrus (EÜ) nr 558/2007) |
| — *bil-Grieg:* | Ζώντα βοοειδή με βάρος ζώντος που δεν υπερβαίνει τα 300 kg ανά κεφαλή, προς πάχυνση [κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 558/2007] |
| — *bl-Ingliż:* | Live male bovine animals of a live weight not exceeding 300 kg per head, for fattening (Regulation (EC) No 558/2007) |
| — *bil-Franċiż:* | Bovins mâles vivants d'un poids vif inférieur ou égal à 300 kg par tête, destinés à l'engraissement [règlement (CE) nº 558/2007]. |
| — *bit-Taljan:* | Bovini maschi vivi di peso vivo non superiore a 300 kg per capo, destinati all'ingrasso [regolamento (CE) n. 558/2007] |
| — *bil-Latvjan:* | Jaunbuļļi nobarošanai, kuru dzīvsvars nepārsniedz 300 kg (Regula (EK) Nr. 558/2007) |
| — *bil-Litwan:* | Penėjimui skirti gyvi vyriškos lyties galvijai, kurių vieno gyvasis svoris yra ne didesnis kaip 300 kg (Reglamentas (EB) Nr. 558/2007) |
| — *bl-Ungeriż:* | Legfeljebb 300 kg egyedi élőtömegű élő hím szarvasmarhaféle, hizlalás céljára (558/2007/EK rendelet) |
| — *bil-Malti:* | Annimali bovini ħajjin tas-sess maskil b'piż ħaj li ma jisboqx it-300 kg kull ras, għat-tismin (ir-Regolament (KE) Nru 558/2007) |
| — *bl-Olandiż:* | Levende mannelijke mestrunderen met een gewicht van niet meer dan 300 kg per dier (Verordening (EG) nr. 558/2007) |
| — *bil-Pollakk:* | Żywe młode byki o żywej wadze nieprzekraczającej 300 kg za sztukę bydła, opasowe (rozporządzenie (WE) nr 558/2007) |
| — *bil-Portugiż:* | Bovinos machos vivos com peso vivo inferior ou igual a 300 kg por cabeça, para engorda [Regulamento (CE) n.º 558/2007] |
| — *bir-Rumen:* | Masculi vii din specia bovină cu o greutate în viu mai mică sau egală cu 300 kg per cap, destinați îngrășării [Regulamentul (CE) nr. 558/2007] |
| — *bis-Slovakk:* | Živé býčky so živou hmotnosťou do 300 kg na kus, určené pre ďalší výkrm [nariadenie (ES) č. 558/2007] |
| — *bis-Sloven:* | Živo moško govedo za pitanje, katerega živa teža ne presega 300 kg na glavo (Uredba (ES) št. 558/2007) |
| — *bil-Finlandiż:* | Lihotettaviksi tarkoitettuja eläviä urospuolisia nautaeläimiä, elopaino enintään 300 kg/eläin (asetus (EY) N:o 558/2007) |
| — *bl-Iżvediż:* | Levande handjur av nötkreatur som väger högst 300 kg, för gödning (förordning (EG) nr 558/2007) |

*ANNESS II*

**L-ammonti ta' garanzija**

| L-annimali bovini maskili ghat-tismin (Kodiċi NM) | L-ammont (EUR) ghal kull ras |
|---|---|
| 0102 90 05 | 28 |
| 0102 90 29 | 56 |
| 0102 90 49 | 105 |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 559/2007

## tat-23 ta' Mejju 2007

## li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji li l-applikazzjoni tagħhom tressqet bejn l-14 u t-18 ta' Mejju 2007 sabiex jiġu impurtati prodotti taz-zokkor skond il-kwoti tat-tariffi u ftehimiet preferenzjali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 950/2006 tat-28 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għas-snin ta' negozju 2006/07, 2007/08 u 2008/09 sabiex jiġu importati u raffinati prodotti taz-zokkor skond ċerti kwoti tat-tariffi u ftehimiet preferenzjali [2], u partikolarment Artikolu 5 (3) tiegħu,

Billi:

(1) L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni ġew sottomessi lill-awtorità kompetenti fil-ġimgħa ta' bejn l-14 u t-18 ta' Mejju 2007 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 950/2006 jew ir-Regolament (KE) Nru 1832/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi miżuri tranżizzjonali fis-settur taz-zokkor b'riżultat ta' l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija [3] għall-kwantità totali bħall-kwantità disponibbli għan-numru tas-serje 09.4346 (2006-2007).

(2) F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni għandha tiffissa koeffiċjent ta' allokazzjoni sabiex jinħarġu liċenzji skond il-proporzjon tal-kwantità disponibbli u tinforma lill-Istati Membri li l-limitu li kien ġie iffissat intlaħaq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-liċenzji għandhom jiġu maħruġa fil-limiti kwantitattivi li ġew stabbiliti fl-Anness għal dan ir-Regolament fir-rigward ta' l-applikazzjonjiet tal-liċenzji ta' l-importazzjoni mressqa bejn l-14 u t-18 ta' Mejju 2007, f'konformità ma' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 950/2006 jew l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1832/2006.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

[1] ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1.
[2] ĠU L 178,1.7.2006, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2006/2006 (ĠU L 379, 28.12.2006, p. 95).
[3] ĠU L 354, 14.12. 2006, p. 8.

*ANNESS*

**Zokkor Preferenzali; l-AKP u l-Indja**

**Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2006/07**

| In-nru tas-Serje | Pajjiż | Ġimgħa ta' bejn is-14 u d-18 ta' Mejju 2007 % tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4331 | Il-Barbados | 100 | |
| 09.4332 | Il-Beliże | 0 | Intlaħqu |
| 09.4333 | Il-Kosta ta' l-Ivorju | 100 | |
| 09.4334 | Ir-Repubblika tal-Kongo | 100 | |
| 09.4335 | Il-Fiġi | 0 | Intlaħqu |
| 09.4336 | Gujana | 0 | Intlaħqu |
| 09.4337 | L-Indja | 0 | Intlaħqu |
| 09.4338 | Il-Ġamajka | 100 | |
| 09.4339 | Il-Kenja | 100 | |
| 09.4340 | Il-Madagaskar | 100 | |
| 09.4341 | Il-Malawi | 100 | |
| 09.4342 | Il-Mawrizju | 100 | |
| 09.4343 | Il-Możambik | 0 | Intlaħqu |
| 09.4344 | Saint Kitts u Nevis | — | |
| 09.4345 | Is-Suriname | — | |
| 09.4346 | Is-Sważiland | 100 | Intlaħqu |
| 09.4347 | It-Tanzanija | 0 | Intlaħqu |
| 09.4348 | Trinidad u Tobago | 100 | |
| 09.4349 | L-Uganda | — | |
| 09.4350 | Iż-Żambja | 100 | |
| 09.4351 | Iż-Żimbabwe | 100 | |

**Zokkor Preferenzali; l-AKP u l-Indja**

**Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2007/08**

| In-nru tas-Serje | Pajjiż | Ġimgħa ta' bejn is-14 u d-18 ta' Mejju 2007 % tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4331 | Il-Barbados | — | |
| 09.4332 | Il-Beliże | 100 | |
| 09.4333 | Il-Kosta ta' l-Ivorju | — | |
| 09.4334 | Ir-Repubblika tal-Kongo | — | |
| 09.4335 | Il-Fiġi | 100 | |
| 09.4336 | Gujana | 100 | |

| In-nru tas-Serje | Pajjiż | Ġimgħa ta’ bejn is-14 u d-18 ta’ Mejju 2007 % tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4337 | L-Indja | 100 | |
| 09.4338 | Il-Ġamajka | — | |
| 09.4339 | Il-Kenja | — | |
| 09.4340 | Il-Madagaskar | — | |
| 09.4341 | Il-Malawi | — | |
| 09.4342 | Il-Mawrizju | — | |
| 09.4343 | Il-Możambik | 100 | |
| 09.4344 | Saint Kitts u Nevis | — | |
| 09.4345 | Is-Suriname | — | |
| 09.4346 | Is-Sważiland | — | |
| 09.4347 | It-Tanzanija | 100 | |
| 09.4348 | Trinidad u Tobago | — | |
| 09.4349 | L-Uganda | — | |
| 09.4350 | Iż-Żambja | — | |
| 09.4351 | Iż-Żimbabwe | — | |

**Zokkor kumplimentari**

**Titolu V tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2006/07**

| In-nru tas-Serje | Pajjiż | Ġimgħa ta’ bejn is-14 u d-18 ta’ Mejju 2007 % tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4315 | L-Indja | 100 | |
| 09.4316 | Il-pajjiżi firmatarji tal-Protokol ta’ l-AKP | 100 | |

**Il-konċessjonijiet taz-zokkor għal CXL**

**Titolu VI tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2006/07**

| Innru tas-Serje | Pajjiż | Ġimgħa ta' bejn is-14 u d-18 ta' Mejju 2007 % tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4317 | L-Awstralja | 0 | Intlaħqu |
| 09.4318 | Il-Brażil | 0 | Intlaħqu |
| 09.4319 | Kuba | 0 | Intlaħqu |
| 09.4320 | Pajjiżi terzi oħra | 0 | Intlaħqu |

**Iz-zokkor tal-Balkani**

**It-Titolu VII tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2006/07**

| Innru tas-Serje | Pajjiż | Ġimgħa ta' bejn is-14 u d-18 ta' Mejju 2007 % tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4324 | L-Albanija | 100 | |
| 09.4325 | Il-Bożnja-Ħerżegovina | 0 | Intlaħqu |
| 09.4326 | Is-Serbja, il-Montenegro u l-Kosovo | 100 | |
| 09.4327 | L-Ex Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja | 100 | |
| 09.4328 | Il-Kroazja | 100 | |

**L-importazzjoni taz-zokkor f'każ eċċezzjonali u l-importazzjoni taz-zokkor industrijali**

**It-Titolu VIII tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2006/07**

| In-nru tas-Serje | Tip | Ġimgħa ta' bejn is-14 u d-18 ta' Mejju 2007 tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4380 | F'każ eċċezzjonali | — | |
| 09.4390 | Industrijali | 100 | |

**L-importazzjoni taz-zokkor taħt il-kwoti tranżizzjonali tat-tariffi miftuħin għall-Bulgarija u r-Rumanija**

**Kapitolu 1 Sezzjoni 2 tar-Regolament (KE) Nru 1832/2006**

**Is-sena tas-suq 2006/07**

| Ordni Nru | Tip | Ġimgħa ta' bejn ils-14 u d-18 ta' Mejju 2007 % tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4365 | Il-Bulgarija | 0 | Intlaħqu |
| 09.4366 | Ir-Rumanija | 100 | |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 560/2007

## tat-23 ta' Mejju 2007

## li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 883/2001 li jippreskrivi regoli dettaljati biex ikun implimentat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 dwar il-kummerċ ma' terzi pajjiżi ta' prodotti fis-settur ta' l-inbid

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 63(8) tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 63(1) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, safejn ikun meħtieġ biex il-prodotti elenkati fl-Artikolu 1(2)(a) u (b) ta' dak ir-Regolament ikunu jistgħu jiġu esportati abbażi tal-prezzijiet ta' dawk il-prodotti fis-suq dinji u fil-limiti tal-Ftehimiet konklużi f'konformità ma' l-Artikolu 300 tat-Trattat, id-differenza bejn dawk il-prezzijiet u l-prezzijiet fil-Komunità tista' tiġi koperta minn rifużjoni ta' l-esportazzjoni.

(2) Jistgħu jiġu stabbiliti rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni biex ikopru d-differenza bejn l-esportazzjonijiet tal-Komunità u dawk ta' pajjiżi terzi. L-esportazzjonijiet tal-Komunità lejn ċerti destinazzjonijiet fil-qrib u lejn pajjiżi terzi li jagħtu trattament preferenzjali ta' l-importazzjoni fuq prodotti tal-Komunità, preżentament huma f'pożizzjoni kompetittiva partikulari u favorevoli. Għalhekk, ir-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni lejn dawk id-destinazzjonijiet għandhom jitneħħew.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 883/2001 [2] għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Inbid,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness IV mar-Regolament (KE) Nru 883/2001 huwa emendat skond l-Anness ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

---

(1) ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

(2) ĠU L 128, 10.5.2001, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2016/2006 (ĠU L 384, 29.12.2006, p. 38).

*ANNESS*

Fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 883/2001, it-test taħt l-intestaturi 'żona 3' u 'żona 4' jinbidel b'dan li ġej:

'**Żona 3: l-Ewropa tal-lvant u l-pajjiżi tal-Komunità ta' Stati Indipendenti**

L-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Belarus, il-Ġorġja, il-Każakstan, il-Kirgistan, il-Moldova, ir-Russja, it-Taġikistan, it-Turkmenistan, l-Ukraina, l-Użbekistan.

**Żona 4: l-Ewropa tal-punent**

L-Iżlanda, in-Norveġja'

II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tas-7 ta' Mejju 2007**

**li taħtar membru Latvjan u żewġ membri supplenti Latvjani fil-Kumitat tar-Reġjuni**

(2007/350/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Latvjan,

Billi:

(1) Fl-24 ta' Jannar 2006 l-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2002/116/KE [1] li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2006 sal-25 ta' Jannar 2010.

(2) Post ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni sar vakanti wara t-tmiem tal-mandat tas-Sur Uldis AUGULIS. Post ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni jsir vakanti bil-ħatra tas-Sur Aleksandrs LIELMEŽS bħala membru ta' dak il-Kumitat. Post ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni sar vakanti wara t-tmiem tal-mandat tas-Sur Gunārs LAICĀNS,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura, fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2010:

(a) bħala membru:

— Is-Sur Aleksandrs LIELMEŽS, minflok is-Sur Uldis AUGULIS;

(b) bħala supplenti:

— Is-Sinjura Ligita GINTERE, il-President tal-Muniċipalità Lokali ta' Jaunpils, minflok is-Sur Aleksandrs LIELMEŽS,

— Is-Sur Jānis NEIMANIS, il-President tal-Muniċipalità tal-Belt ta' Grobiņa, minflok is-Sur Gunārs LAICĀNS.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett mid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

H. SEEHOFER

---

[1] ĠU L 56, 25.2.2006, p. 75.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-7 ta' Mejju 2007

## li taħtar membru supplenti Awstrijaku fil-Kumitat tar-Reġjuni

(2007/351/KE)

IL-KUNSILL ta' L-UNJONI EWROPEA:

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Awstrijaku,

Billi:

(1) Fl-24 ta' Jannar 2006, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2006/116/KE li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2006 sal-25 ta' Jannar 2010 ([1]).

(2) Sar vakanti post ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur Andreas SCHIEDER.

IDDEĊIEDA:

*Artikolu 1*

Is-Sinjura Elisabeth VITOUCH, Gemeinderätin der Stadt Wien, hija b'dan maħtura membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni, b'sostituzzjoni tas-Sur Andreas SCHIEDER, għall-bqija tal-mandat li jintemm fil-25 ta' Jannar 2010.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett mill-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

H. SEEHOFER

([1]) ĠU L 56, 25.2.2006, p. 75.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## ta' l-14 ta' Mejju 2007

## li taħtar Deputat Direttur ta' l-Europol

(2007/352/KE)

IL-KUNSILL ta' L-UNJONI EWROPEA:

Wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar l-istabbiliment ta' Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Konvenzjoni ta' l-Europol) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 29(2) tagħha,

Filwaqt li jaġixxa bħala l-awtorità bis-setgħa li taħtar Deputat Direttur ta' l-Europol,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bord Amministrattiv,

BILLI:

(1) Minħabba l-iskadenza tal-ħatra ta' Deputat Direttur ta' l-Europol, huwa meħtieġ li jinħatar Deputat Direttur.

(2) Ir-Regolamenti tal-Persunal applikabbli għall-impjegati ta' l-Europol ([2]), u b'mod partikolari l-Appendiċi 8 tagħhom, jistabbilixxu dispożizzjonijiet speċjali dwar il-proċedura għall-għażla tad-Direttur jew ta' Deputat Direttur ta' l-Europol.

(3) Il-Bord Amministrattiv ippreżenta lill-Kunsill b'lista qasira ta' applikanti adatti għall-ħatra, flimkien ma' l-inkartament sħiħ ta' kull wieħed minn dawk l-applikanti, kif ukoll il-lista sħiħa ta' l-applikanti.

(4) Abbażi ta' l-informazzjoni rilevanti kollha fornuta mill-Bord Amministrattiv, il-Kunsill jixtieq jaħtar lill-applikant li, skond il-Kunsill, jissodisfa l-ħtiġiet kollha tal-pożizzjoni vakanti ta' Deputat Direttur,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Is-Sur Eugenio ORLANDI hu b'dan maħtur Deputat Direttur ta' l-Europol mill-1 ta' Awissu 2007 sal-31 ta' Lulju 2011.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol b'effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F.-W. STEINMEIER

([1]) ĠU C 316, 27.11.1995, p. 2.

([2]) Ara l-Att tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 1998 li jistabbilixxi r-regolamenti tal-persunal applikabbli għall-impjegati ta' l-Europol (ĠU C 26, 30.1.1999, p. 23) kif emendat bl-Att tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2002 (ĠU C 24, 31.1.2003, p. 1).

IV

*(Atti oħrajn)*

# SPAZJU EKONOMIKU EWROPEW

## DEĊIŻJONI TA' L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA EFTA

## Nru 394/06/COL

## tat-13 ta' Diċembru 2006

## li tapprova l-iskema aġġornata ppreżentata min-Norveġja għall-irtirar tal-ħut kollu fil-postijiet tat-tkabbir tal-ħut Norveġiżi infettati bl-anemija infettiva tas-salamun (ISA)

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA EFTA,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea (minn hawn 'il quddiem il-Ftehim taż-ŻEE), partikolarment l-Artikolu 109 u l-Protokoll 1 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim bejn l-Istati ta' l-EFTA dwar it-twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja, partikolarment l-Artikolu 5(2)(d) u l-Protokoll 1 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT l-Att imsemmi f'Punt 3.1.7 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I mal-Ftehim taż-ŻEE, id-Direttiva tal-Kunsill 93/53/KEE ta' l-24 ta' Ġunju 1993 li tintroduċi miżuri minimi Komunitarji għall-kontroll ta' ċertu mard tal-ħut, kif emendata, kif adattata bil-Protokoll 1 tal-Ftehim taż-ŻEE, partikolarment l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 6(a) ta' dak l-Att,

WARA LI KKUNSIDRAT id-Deċiżjoni ta' l-Awtorità ta' Sorveljanza EFTA Nru 196/04/COL ta' l-14 ta' Lulju 2004 dwar l-għoti tas-setgħa lil Membru b'responsabbiltà speċjali għall-moviment ħieles tal-prodotti biex jieħu ċerti deċiżjonijiet u miżuri, u partikolarment il-Punt 1 tiegħu,

BILLI l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 6(a) ta' l-Att jistipula li, sabiex tkun ikkontrollata l-firxa ta' l-anemija infettiva tas-salamun (ISA), il-ħut kollu fil-post tat-tkabbir infettat għandu jitneħħa skond skema stabbilita mis-servizz uffiċjali u approvata mill-Awtorità ta' Sorveljanza EFTA (minn hawn 'il quddiem l-Awtorità).

BILLI l-Att imsemmi f'Punt 3.2.29 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I mal-Ftehim taż-ŻEE, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/466/KE tat-13 ta' Ġunju 2003 li tistabbilixxi kriterji għat-taqsim ta' territorju f'żoni u għas-sorveljanza uffiċjali wara suspetti jew konferma tal-preżenza ta' anemija tas-salamun infettiva (ISA) tistabbilixxi l-pjani tat-teħid tal-kampjuni u l-metodi djanjostiċi għall-iskoperta u l-konferma ta' l-ISA, u l-kriterji għat-taqsim ta' territorju f'żoni u għas-sorveljanza uffiċjali wara suspett jew konferma ta' l-ISA.

BILLI l-Awtorità, bid-Deċiżjoni Nru 226/04/COL tad-9 ta' Settembru 2004 approvat l-iskema ppreżentata min-Norveġja għall-irtirar tal-ħut kollu fil-postijiet tat-tkabbir tal-ħut Norveġiżi infettati bl-ISA.

BILLI n-Norveġja, bl-ittra tagħha tal-21 ta' Marzu 2006, talbet l-approvazzjoni ta' l-Awtorità ta' ċerti emendi fl-iskema tagħha ta' rtirar tal-ħut kollu fil-postijiet tat-tkabbir tal-ħut Norveġiżi infettati bl-anemija infettiva tas-salamun, kif ġie approvat bid-Deċiżjoni Nru 226/04/COL tad-9 ta' Settembru 2004.

BILLI l-Awtorità ta' Sorveljanza EFTA, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, eżaminat l-emendi proposti għall-iskema ppreżentata min-Norveġja fid-dawl ta' l-istat kurrenti ta' prova xjentifika u teknika.

BILLI l-irtirar tal-ħut għandu jsir b'tali mod li jiġi evitat iktar tixrid tal-marda lill-postijiet oħra tat-tkabbir tal-ħut u lill-popolazzjoni selvaġġa suxxettibbli li tiġi infettata.

BILLI l-irtirar tal-ħut irid ikun ibbażat fuq valutazzjoni każ b'każ tar-riskji ta' aktar tixrid tal-marda, inklużi l-gravità ta' l-epidemija u ċirkostanzi oħra li jinfluwenzaw ir-riskji, u għandu jingħata kont ta' l-esperjenza prattika attwali u tal-provi xjentifiċi.

BILLI l-eżami juri li l-emendi proposti għall-iskema Norveġiża tissodisfa r-rekwiżiti għal tali skema u għalhekk għandha tiġi approvata.

BILLI l-Awtorità ta' Sorveljanza EFTA bid-Deċiżjoni tagħha Nru 314/06/COL irreferiet il-kwistjoni lill-Kumitat Veterinarju EFTA li jassisti lill-Awtorità ta' Sorveljanza EFTA.

BILLI kif propost mill-Kumitat Veterinarju EFTA li jassisti lill-Awtorità ta' Sorveljanza EFTA u biex tkun żgurata ċ-ċertezza legali, għandu jiġi inkluż punt ġdid f'din id-Deċiżjoni li jindika li d-Deċiżjoni ta' l-Awtorità Nru 226/04/COL tad-9 ta' Settembru 2004 hija rrevokata.

BILLI l-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju EFTA li jassisti l-Awtorità ta' Sorveljanza EFTA,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

(1) L-iskema aġġornata ppreżentata min-Norveġja għall-irtirar tal-ħut kollu fil-postijiet tat-tkabbir tal-ħut Norveġiżi infettati bl-anemija infettiva tas-salamun (ISA) hija hawnhekk approvata.

(2) Id-Deċiżjoni Nru 226/04/COL ta' l-Awtorità ta' Sorveljanza EFTA tad-9 ta' Settembru 2004 li tapprova l-iskema aġġornata ppreżentata min-Norveġja għall-irtirar tal-ħut kollu fil-postijiet tat-tkabbir tal-ħut Norveġiżi infettati bl-anemija infettiva tas-salamun (ISA) hija hawnhekk irrevokata.

(3) Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-13 ta' Diċembru 2006.

(4) Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lin-Norveġja.

(5) Din id-Deċiżjoni hija awtentika fil-lingwa Ingliża.

Magħmul fi Brussell, 13 ta' Diċembru 2006

*Għall-Awtorità ta' Sorveljanza EFTA*

Kristján Andri STEFÁNSSON
*Membru tal-Kulleġġ*

Niels FENGER
*Direttur*

## DEĊIŻJONI TA' L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TA' L-EFTA

## Nru 28/07/COL

## tad-19 ta' Frar 2007

## li tikkonċerna li n-Norveġja hi uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi bruċellożi u lewkożi bovina enżootika fir-rigward tal-merħliet bovini

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TA' L-EFTA,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (minn issa 'l quddiem il-Ftehim taż-ŻEE), b'mod partikolari l-Artikolu 109 u l-Protokoll 1 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim bejn l-Istati ta' l-EFTA dwar it-twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari l-Artikolu 5(2)(d) u l-Protokoll 1 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT l-Att imsemmi fil-Punt 4.1.1 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I tal-Ftehim taż-ŻEE, id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar problemi tas-saħħa li jaffetwaw il-kummerċ intra Komunitarju ta' annimali bovini u majjali ([1]) kif emendata u adottata fil-Ftehim taż-ŻEE mill-Protokoll 1 tiegħu, u b'mod partikolari l-Anness A(I)(4), Anness A(II)(7) u Anness D(I)(E) ta' dak l-Att,

WARA LI KKUNSIDRAT id-Deċiżjoni ta' l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA Nru 24/07/COL ta' l-14 ta' Frar 2007, fejn il-Membru tal-Kulleġġ kompetenti hu mitlub li jadotta d-Deċiżjoni li tikkonċerna li n-Norveġja hi uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi, bruċellożi u lewkożi bovina enżootika fir-rigward ta' merħliet bovini jekk l-abbozz tad-deċiżjoni hu skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju ta' l-EFTA (EVC),

BILLI d-Direttiva 64/432/KEE tipprovdi li l-Istati taż-ŻEE EFTA jew partijiet jew reġjuni tagħhom jistgħu ikunu ddikjarati uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi, bruċellożi u lewkożi bovina enżootika fir-rigward ta' merħliet bovini soġġetti għall-aderenza ma' ċerti kundizzjonijiet stipulati f' dak l-Att.

BILLI permezz ta' ittra tad-29 ta' Ġunju 2004, in-Norveġja bagħtet lill-Awtorità d-dokumenti rilevanti relatati mal-lewkożi bovina enżootika skond l-Anness D(I)(E) u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 64/432/KEE.

BILLI permezz ta' ittri ta' l-14 ta' Frar 2005, tat-13 ta' Diċembru 2005 u tas-26 ta' Ottubru 2006, in-Norveġja bagħtet lill-Awtorità informazzjoni aġġornata relatata mal-lewkożi bovina enżootika kif talbet l-Awtorità wara diskussjonijiet mal-Kummissjoni Ewropea.

BILLI l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea, eżaminat id-dokumenti kollha mibgħuta min-Norveġja u dan l-eżami juri li l-iskema relatata mal-lewkożi bovina enżootika mibgħuta min-Norveġja hi konformi mal-kondizzjonijiet kollha rilevanti li jinsabu fid-Direttiva 64/432/KEE.

BILLI għalhekk huwa xieraq li n-Norveġja tista' tiġi dikjarata uffiċjalment ħielsa mil-lewkożi bovinża enżootika.

BILLI peremezz ta' Deċiżjoni ta' l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA Nru 66/94/COL u Nru 67/94/COL tas-27 ta' Ġunju 1994, in-Norveġja ngħatat l-istatus ta' ħelsien mit-tuberkulożi u l-bruċellożi fil-merħliet bovini, sakemm jintlaqgħu ċerti kondizzjonijiet.

BILLI d-Deċiżjonijiet Nru 66/94/COL u Nru 67/94/COL kienu rispettivament mibdula mid-Deċiżjonijiet ta' l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA Nru 227/96/COL u Nru 225/96/COL ta' l-4 ta' Diċembru 1996.

BILLI, biex l-affarijiet ikunu ċari, l-istatus fir-rigward tal-mard tat-tuberkulożi, il-bruċellożi u l-lewkożi bovina enżootika, fir-rigward tal-merħliet fin-Norveġja, għandhom jiġu stipulati fl-istess Deċiżjoni.

BILLI, għalhekk, id-Deċiżjonijiet ta' l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA Nru 225/96/COL u Nru 227/96/COL għandhom jiġu mibdula ma' din id-Deċiżjoni.

BILLI l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju ta' l-EFTA li jassisti l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA,

([1]) ĠU L 121, 29.7.1964, p. 1977/64.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

(1) Skond id-Direttiva 64/432/KEE, in-Norveġja hi dikjarata uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi, bruċellożi u lewkożi bovina enżootika fir-rigward tal-merħliet bovini.

(2) Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lin-Norveġja.

(3) Skond l-Artikolu 109(2) tal-Ftehim taż-ŻEE, l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA għandha tgħaddi din id-Deċiżjoni u kull emenda tagħha lill-Kummissjoni Ewropea.

(4) Id-Deċiżjonijiet ta' l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA, Nru 227/96/COL u Nru 225/96/COL ta' l-4 ta' Diċembru 1996 huma mibdula.

(5) Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2007.

(6) Din id-Deċiżjoni se tkun awtentika fid-lingwa Ingliża.

Magħmula fi Brussell, 19 ta' Frar 2007.

*Għall-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA*

Bjørn T. GRYDELAND
*President*

Niels FENGER
*Direttur*

# DEĊIŻJONI TA' L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TA' L-EFTA

## Nru 29/07/COL

## tad-19 ta' Frar 2007

## li tapprova l-pjan imressaq min-Norveġja għat-tilqim preventiv ta' għasafar li jinżammu fiż-*zoos* kontra l-influenza tat-tjur b'patoġenija qawwija

L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TA' L-EFTA,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 109 u Protokoll 1 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim bejn l-Istati ta' l-EFTA dwar it-twaqqif ta' Awtorità tas-Sorveljanza u tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari l-Artikolu 5(2)(d) u l-Protokoll 1 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT l-Att imsemmi fil-Punt 3.1.5 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I tal-Ftehim taż-ŻEE, Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll ta' l-influwenza tat-tjur u li tħassar id-Direttiva 92/40/KEE) ([1]), kif adottata fil-Ftehim taż-ŻEE minn Protokoll 1 tiegħu, u b'mod partikolari mill-Artikoli 56(2) and 57(2) tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT l-Att applikabbli għan-Norveġja li jsegwi l-proċeduri msemmija fl-Artikolu 3(b) tal-parti ta' introduzzjoni ta' Kapitolu 1 ta' Anness 1 għall-Ftehim taż-ŻEE, Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/474/KE tas-6 ta' Lulju 2006 dwar il-miżuri biex iwaqqfu t-tixrid ta' l-influenza tat-tjur b'patoġenija qawwija kkawżata mill-*virus* ta' l-influwenza A tas-sottotip H5N1 għall-għasafar miżmuma fiż-*żoos* u minn korpi, istituti u ċentri approvati fl-Istati Membri u tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/744/KE ([2]),

WARA LI KKUNSIDRAT id-Deċiżjoni Nru 22/07/COL ta' l-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA ta' l-14 ta' Frar 2007, fejn il-Membru kompetenti tal-Kulleġġ ġie mogħti istruzzjoni biex jadotta d-Deċiżjoni jekk l-abbozz tad-Deċiżjoni jkun skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju ta' l-EFTA (EVC),

BILLI l-influwenza tat-tjur hija marda virali infettiva fit-tjur ta' l-irziezet u l-għasafar, li tikkawża mortalità u disturbi li malajr jistgħu jiżviluppaw fi proporzjonijiet epiżootiċi li kapaċi jwasslu għal theddida serja għas-saħħa pubblika u dik ta' l-annimali u li jnaqqsu sew il-profittabbiltà tat-trobbija tat-tjur ta' l-irziezet.

([1]) ĠU L 10, 14.1.2006, p. 16.
([2]) ĠU L 187, 8.7.2006, p. 37.

BILLI, minħabba li huma maqfula, għasafar li jinżammu fiż-*zoos* u f'korpi, istituti jew ċentri approvati normalment ma jistgħux jiġu f'kuntatt ma' tjur jew ma' għasafar selvaġġi u għalhekk ma jippreżentaw ebda riskju ta' kontaminazzjoni għat-tjur jew għasafar miżmuma mill-bniedem u bil-konsiderazzjoni tal-valur ta' l-għasafar li jinżammu fiż-*zoos*, il-vaċċinazzjoni preventiva ta' tali għasafar tista' tikkostitwixxi miżura addizzjonali ta' prevenzjoni xierqa.

BILLI d-Direttiva 2005/94/KE tistipula r-regoli għall-introduzzjoni tat-tilqim preventiv kontra l-influenza tat-tjur, *inter alia*, ta' l-għasafar miżmuma mill-bniedem, bħalma huma l-għasafar miżmuma fiż-*zoos* u tipprovdi għas-sottomissjoni mill-Istati ta' l-EFTA ŻEE għall-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA għall-approvazzjoni għat-tilqim preventiv għat-tjur ta' l-irziezet u għasafar miżmuma mill-bniedem.

BILLI d-Deċiżjoni 2006/474/KE tistipula ċerti ħtiġijiet marbuta ma' miżuri ta' bijosigurtà għall-prevenzjoni ta' l-influwenza tat-tjur b'patoġenija qawwija kkawżata mis-sottotip H5N1 tal-*virus* A ta' l-influwenza f'għasafar miżmuma fiż-*zoos* u f'korpi, istituti u ċentri approvati fl-Istati Membri sabiex tiġi mħarsa l-fawna selvaġġa u sabiex il-bijodiversità tiġi kkonservata.

BILLI, id-Deċiżjoni 2006/474/KE wkoll tfassal regoli dwar it-tilqim preventiv ta' l-għasafar miżmuma fiż-żoos u korpi, istituti u ċentri approvati li għandhom isegwu l-Istati ta' l-EFTA ŻEE, jekk jikkonsidrawh xieraq li jlaqqmu għasafar bħal dawn, u jipprovdu għas-sottomissjoni mill-Istati taż-ŻEE EFTA lill-Awtorità tas-Sorveljanza dwar il-pjanijiet għat-tilqim ta' l-għasafar miżmuma fiż-*żoos*.

BILLI l-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea, eżaminat il-pjanijiet għat-tilqim preventiv kontra l-influenza tat-tjur imressqa min-Norveġja skond id-Direttiva 2005/94/KE u d-Deċiżjoni 2006/474/KE u għaldaqstant hu xieraq li tipprovdi għall-approvazzjoni tiegħu.

BILLI l-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju ta' l-EFTA li jassisti l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

(1) Il-pjan għat-tilqim preventiv ta' l-għasafar miżmuma fiż-*żoos* kontra l-influenza tat-tjur b'patoġenija qawwija mressqa min-Norveġja fil-15 ta' Mejju 2006 skond l-Artikolu 56(2) tad-Direttiva 2005/94/KE u Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2006/474/KE hu għaldaqstant approvat.

(2) Skond l-Artikolu 109(2) tal-ftehim taż-ŻEE, l-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA għandha tgħaddi lill-Kummissjoni Ewropea il-pjan ta' tilqim preventiv imressaq min-Norveġja u xi emendi tiegħu.

(3) Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2007.

(4) Din id-Deċiżjoni għandha tkun awtentika fil-lingwa Ingliża.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Frar 2007.

*Għall-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA*

Bjørn T. GRYDELAND
*President*

Niels FENGER
*Direttur*

# DEĊIŻJONI TA' L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TA' L-EFTA

## Nru 30/07/COL

## tad-19 ta' Frar 2007

## dwar il-programm nazzjonali Norveġiż għall-kontroll ta' l-iscrapie u l-garanziji addizzjonali rigward il-kummerċ u l-importazzjoni intra Komunitarji u l-importazzjoni għan-Norveġja

L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TA' L-EFTA,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), u b'mod partikolari l-Artikolu 109 u l-ewwel Protokoll tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim bejn l-Istati ta' l-EFTA dwar it-twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari l-Artikolu 5(2)(d) u l-Protokoll 1 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT l-Att imsemmi fil-Punt 7.1.12 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I tal-Ftehim taż-ŻEE, ir-Regolament (KE) Nru. 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabblixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered ([1]), kif emendati u adottati għall-Ftehim taż-ZEE minn Protokoll 1 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT l-Att imsemmi fil-Punt 7.2.27 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I tal-Ftehim taż-ŻEE, Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 546/2006 tal-31 ta' Marzu 2006 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-programmi nazzjonali għall-kontroll ta' l-iscrapie u garanziji addizzjonali u li jidderoga minn ċerti kondizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2003/100/KE u li jirrevoka r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1874/2003 ([2]), kif adottati mill-Ftehim taż-ZEE mill-Protokoll 1 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT id-Deċiżjoni ta' l-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA 21/07/COL ta' l-14 ta' Frar 2007, fejn il-Membru kompetenti tal-Kulleġġ hu mitlub li jadotta d-Deċiżjoni li tikkonċerna l-kontroll ta' l-iscrapie u garanziji addizzjonali tan-Norveġja dwar il-kummerċ u l-importazzjoni intra Komunitarji jekk l-abbozz tad-deċiżjoni hux skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju ta' l-EFTA (EVC).

BILLI r-Regolament (KE) Nru 999/2001 jipprovdi għall-approvazzjoni tal-programmi nazzjonali għall-kontroll ta' l-iscrapie ta' l-Istati ta' l-EFTA li huma fiż-ŻEE jekk dawn ikunu f'konformità ma' ċerti kriterji stabbiliti f'dak ir-Regolament.

BILLI r-Regolament (KE) Nru 546/2006 jippovdi għall-garanziji addizzjonali għall-kummerċ intra Komunitarju u restrizzjonijiet ta' movimenti uffiċjali marbuta man-nagħaġ u l-mogħoż li jkunu sejrin fl-Istati ta' l-EFTA li huma fiż-ŻEE li l-programmi nazzjonali għall-kontroll ta' l-iscrapie kienu ġew approvati mill-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA.

BILLI permezz ta' ittra ta' l-14 ta' Frar 2006, in-Norvegja bagħtet programm nazzjonali għall-kontroll ta' l-iscrapie lill-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA u, fl-20 ta' Novembru 2006, wara diskussjonijiet waqt il-laqgħa dwar il-pakkett f'Oslo, ċerti emendi għal dak il-programm kif ukoll informazzjoni dettaljata li tiċċara l-firxa tal-programm ġew mibgħuta lill-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA.

BILLI l-Awtorità tas-sorveljanza ta' l-EFTA, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea, eżaminat il-proposta Norveġiża għall-programm nazzjonali għall-kontroll ta' l-iscrapie u l-eżami juri li l-programm Norveġiż jikkonforma mal-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni.

BILLI għalhekk hu xieraq li tiġi stipulata l-approvazzjoni tal-programm nazzjonali għall-kontroll ta' l-iscrapie mibgħut min-Norveġja skond ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 546/2006.

BILLI l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju ta' l-EFTA li jassisti l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

(1) Il-programm nazzjonali Norveġiż għall-kontroll ta' l-iscrapie u l-garanziji addizzjonali rigward il-kummerċ u l-importazzjoni intra Komunitarji u l-importazzjoni għan-Norveġja ta' l-14 ta' Frar 2006 u ta' l-20 ta' Novembru 2006 ġie approvat.

(2) Skond l-Artikolu 109(2) tal-Ftehim taż-ŻEE, l-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA għandha tressaq lill-Kummissjoni Ewropea l-programm nazzjonali Norveġiż għall-kontroll ta' l-iscrapie u l-garanziji addizzjonali rigward il-kummerċ u l-importazzjoni intra Komunitarji u emendi oħra tiegħu lin-Norveġja.

([1]) ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.
([2]) ĠU L 94, 1.4.2006, p. 28.

(3) Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2007.

(4) Din id-Deċiżjoni għandha tkun awtentika fil-lingwa Ingliża.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Frar 2007.

*Għall-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA*

Bjørn T. GRYDELAND
*President*

Niels FENGER
*Direttur*